MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2012

Numru. 338/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Cassar**
**Spettur Raymond Aquilina**
**Vs**

**RHYS FITENI**
**RONALD BARBARA**
**KEITH BARTOLO**

**Il-Qorti:-**

Rat li l-imputati **RHYS FITENI** ta' tlieta w ghoxrin sena, bin Alfred u Isabelle nee Catania, imwieled Pieta nhar il-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 1986 u residenti 111, Flat 1, Triq s-Sirena, Senglea, detentur tal-karta tal-identita' numru 148986M, **RONALD BARBARA** t'erbgha w ghoxrin sena bin Joseph u Susan nee O'Hayon, imwieled Pieta nhar it-tlettax ta' Settembru 1985 u residenti 35, Triq Hilda Tabone, Vittoriosa, detentur tal-karta tal-identita'

numru 480885M u **KEITH BAROLO** ta' tnejn w ghoxrin sena bin Francis u Antonia nee Bartolo, imwieled Pieta nhar id-disgha ta' Marzu 1987 u residenti 30, Triq Sant'Ursola, Senglea, detentur tal-karta tal-identita numru 205187M gew mressqa quddiemha akkuzati:

**Lil Rhys Fiteni u Ronald Barbara**

1. talli fl-Isla, nhar d-disgha t'April 2006 ghal habta tat-tlieta w nofs ta' wara nofsinhar, bi vjolenza, kkommettew stupru fuq il-persuna ta' Joslin Bartolo mill-Isla, liema delitt sar bi hsara ta' persuna li ma kienetx tista' tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh jew ghal raguni ohra ndipendenti mill-ghemil tal-hati, inkella minhabba l-mezzi qarrieqa li huma nqdew bihom;

2. Talli bla ordni skond l-ligi tal-Awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil istess Joslin Bartolo kontra l-volunta taghha, liema delitt sar bhala mezz biex hi tigi mġiegħelha taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

**Lil Keith Bartolo wahdu:**

3. talli fl-istess data, hin u lok, bi vjolenza, kkommetta stupru fuq il-persuna ta' Joslin Bartolo mill-Isla, liema delitt sar bi hsara ta' persuna li ma kienetx tista tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh jew ghal raguni ohra ndipendenti mill-ghemil tal-hati nkellha minhabba l-mezzi qarrieqa li hu nqeda bihom u li dan r-reat sar kontra membru domestiku;

4. Talli bla ordni skond l-ligi tal-Awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Joslin Bartolo kontra l-volunta' taghha, liema delitt sar bhala mezz biex hi tigi mġiegħelha taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha meta dan ir-reat sar minn membru domestiku.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom il-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Abigail Lofaro nhar t-tmienja w ghoxrin t'April 2006 esibit a fol. 166 et seq tal-atti, il-fedini penali tat-tlett imputati esibiti a fol 8 et seq, l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Keith Bartolo nhar l-ghaxra t'April 2006, esibita bhala Dok. RA 1 a fol 130, stqarrija ohra ta' l-istess Keith Bartolo datata tnax t'April 2006 esibita bhala Dok. RA 2 a fol 133 et seq, l-istqarrija rilaxxjata minn Rhys Fiteni nhar l-hdax t'April 2006 esibita bhala Dok. RA 3 a fol 135 et seq, stqarrija ohra ta' Rhys Fiteni datata tnax t'April 2006 esibita bhala Dok. RA 4 a fol 139 et seq, stqarrija rilaxxjata minn Ronald Barbara nhar l-hdax t'April 2006 esibita bhala Dok. RA 5 a fol 141 et seq, stqarrija ohra ta' Ronald Barbara datata tnax t'April 2006 esibita bhala Dok. RA 6 a fol 146 et seq, u l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hamsa w ghoxrin t'April 2008 (fol. 498) sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti ta' l-imputati din il-kawza tigi ttrattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet lill-imputati kollha jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta' nhar l-hdax ta' Gunju 2008 (fol. 501).

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lil imputati Rhys Fiteni , Ronald Barbara u Keith Bartlo jixhdu minn jeddhom b'mod voluntarju, u semghet ukoll ix-xhieda tad-difiza fosthom Charmaine Delia, Donna Pace.

Rat dak li gie sollevat waqt il-perizja mizmuma mill-Perit David Vassallo wara li huwa kien gie nominat nhar is-7 ta' Dicembru sabiex flimkien ma l-imputati imur fuq il-post fejn sehh l-allegat incident u jivverifika jekk il-pjanta esebita mill-imputati tirrispekkjax il-verita fir-rigward tad-distanzi minnhom sollevati.

Rat ir-rapport tal-Perit David Vassallo esebit fl-atti waqt ix-xhieda tieghu nhar is-6 ta' Gunju 2011.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizja pprezentata fl-atti nhar is-17 ta' Jannar 2012 u dik ta' Rhys Fteni ipprezentata fl-atti nhar it-13 ta' Frar 2012.

Rat il-verbal tal-Qorti tas- ta' Marzu 2012 fejn din il-Qorti iddiferiet il-kawza ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-erbatax ta' Gunju 2006 **xehed PS 440 Kenneth Vella Gregory** (fol. 148) fejn esebixxa okkorrenza datata disgha t'April 2006 fuq rapport maghmul lilu minn Joslin Bartolo, fejn allegat li kienet giet *raped* minn tlieta minn-nies li wiehed minnhom kien Keith Bartolo. Hija allegat li dawn il-persuni kienu Rhys Fiteni, Ronald Barbara u Keith Bartolo. Esebixxa l-okkorrenza relattiva ghal dan ir-rapport, liema okkorrenza giet immarkata bhala Dok. PS. Qal li r-rapport dahal l-ghada tal-incident u cioe fl-ghaxra t'April 2006.
Illi nhar l-erbatax ta' Gunju 2006 **xehed l-Ispettur Raymond Aquilina** (fol. 124) fejn qal li nhar l-ghaxra t'April 2006 il-pulizija ta' Bormla kienu rcevew rapport minghand certa Joslin Bartolo ta' tmintax il-sena fejn stqarret li kienet giet abbuzata sesswalment u li kienet konoxxjenti taghhom u cioe li kienu Keith Bartolo, li jigi kugin taghha, Rhys Fiteni li jigi l-gharus tal-kugina taghha u Ronald li huwa habib taghhom. Qalet li dawn kellhom x'jaqsmu maghha sesswalment kontra l-volonta' taghha u dawn l-atti kienu saru gewwa l-post ta' certu Rhys. Hi sostniet li qatt ma riedet ikollha x'taqsam maghhom sesswalment. Wara li kien sar dan ir-rapport gewwa l-ghassa Bormla, hu kien gie nfurmat b'dan minn PC 440 Kenneth Vella Gregory fejn spjegalu li ahjar Joslin Bartolo tmur l-ufficcju tieghu u sadanittant kellu jinforma lill-Ispettur tieghu fuq dan l-allegat rapport.

Qal li l-vittma Joslin Bartolo kienet marret fl-ufficcju tieghu fejn spjegat li l-Hadd disgha t'April 2006 ghall-habta tat-tlieta w nofs ta' wara nofsinhar hi kienet nizlet ix-Xatt tal-Isla w iltqaghet ma shabha, Donatella Pace u Valerie Brincat flimkien ma xi hbieb ohra. Qal li l-vittma qaltlu li ghal habta tat-tlieta w nofs ta' wara nofsinhar kien mar

fuqha l-kugin taghha u qalilha biex tmur mieghu mixja sal-Ponta ta' l-Isla u fit-triq kienu ltaqghu ma Rhys Fiteni fejn il-kiosk li qieghed gewwa x-Xatt tal-Isla u Keith kien staqsa lil Rhys jekk kienx sejjer maghhom sal-Ponta ta' l-Isla u fil-fatt kien akkumpanjahom biex jimxu sal-Ponta ta' l-Isla. Qal li l-vittma stqarret li fl-istess waqt fit-triq kienu iltaqghu ma certu Ronald mill-Birgu u Keith kien staqsieh ukoll jekk kienx sejjer maghhom mixja sal-ponta tal-Isla u dan accetta u mar maghhom. Qaltlu li hekk kif kienu waslu fejn l-istatwa, Joslin kompliet tispjegalu li Rhys kien qal lill-ohrajn li flok imorru l-Ponta kien ikun ahjar li jmorru '*ibaqqnuha'* lil din u Joslin qaltilhom li ma jippruvawx dak il-hsieb u effettivament kemm Rhys u kemm Ronald u anke Keith kienu accettaw li jaghmlu dak li ssuggerixxa Rhys u kienu ftehmu li jmorru l-appartament tieghu.

Ix-xhud kompla jghid li Joslin qaltu li l-propjeta ta' Rhys ma kienetx boghod hafna minn fejn kienu u biex tasal ghal din il-proprjeta' kien hemm xi tarag titla minnu. Joslin spjegatlu wkoll li fit-triq qaltilhom li hekk kif kienet ser tasal fejn il-kiosk gewwa x-Xatt tal-Isla, kienet ser taqbad u titlaq, izda hekk kif waslu fejn il-kiosk, kien kuginuha Keith li qabadha lanbranzetta minn taht idejha u qalilha biex ma taghmilx kummiedji u baqa jzommha sod biex ma titlaqx u tibqa' sejra maghhom. Qal li l-vittma qaltlu li x'hin waslu fejn l-appartament ta' Rhys, dan fetah il-bieb w imbuttawha gewwa l-flat ta' Rhys. Qaltlu li hekk kif dahlu, geghluha titla t-tarag pero kif telghet fuq ma tiftakarx ezatt, peress li kien hemm saqqu qieghed ma *cupboard* wieqaf u ma tafx ezatt min kien tefa' dan is-saqqu mal-art, pero taf li xi hadd imbuttaha u tefaghha fuq dan is-saqqu.

Qal li Joslin qaltlu li kienet imbezza b'din is-sitwazzjoni u li ma setghet taghmel xejn ma dawn it-tlieta f'daqqa. Spejgatlu wkoll li t-tlieta bdew inezzghuha, jigifieri fejn Keith nezzghalha z-zarbun, Rhys nezzghalha d-dublett u l-underwear filwaqt li Ronald kien nezzghalha l-flokk u l-bra. Spjegatlu wkoll li Rhys u Ronald kienu nezghu il-hwejjeg imma Keith baqa ma nezghax, imma meta ra lill-ohrajn jinzghu, hu neza' wkoll u fil-fatt kien ppenetraha, kuginuha Keith kien ppenetraha l-ewwel wiehed ghax kemm Ronald u kemm Rhys il-parti taghhom ma setghetx

tqumilhom w ghalhekk baqghu hemmhekk jimmasturbaw u kienu qalu li ma setghax ikollhom erezzjoni minhabba li kienu xorbu xi xorb alkoholiku.

Ix-xhud kompla jghid li Joslin Bartolo qaltlu li wara, Keith kien ippenetraha, u Ronald kien ppenetraha kemm fil-parti taghha u kif ukoll fil-warrani. Qal li Joslin baqghet issostni li hi qatt ma riedet taghmel dawn l-affarijiet pero huma baqghu jinsistu u ghamlu maghha. Kienet qalet ukoll li wara li Ronald kien ppenetraha, kif lesta, Rhys qalilha '*issa ilbes u ghalaq il-bieb u itlaq'.* Fil-fatt hi qalet li l-ebda wiehed minn dawn it-tlett zghazagh ma baqa' f'dan il-post hekk kif kienet libset u nizlet isfel. Qaltlu li filwaqt li kienu qed jaghmlu maghha t-tlett zghazagh kienu staqsewha jekk kinitx qed tiehu gost b'dak li kienu qed jaghmlulha u hi qaltilhom li le u rrimarkawlha li kienet qisha '*oxx*' u li ma kinitx taf tinhexa u ma kienetx taf tiehu pjacir u ma tafx taghmel l-att sesswali u ma kinitx taf tkompli maghhom. Hija spjegat li l-post kien wiehed zghir u spjegat li kien hemm bieb ta' gallerija li kien maghluq pero' kellu l-purtelli ftit imbexxqa li minnhom beda jidhol id-dawl u b'hekk wiehed kellu vista ahjar ta' dak kollu li kien qed isir hemm gew.

Qaltlu wkoll li hi kienet qed tbati minn dipressjoni u kienet taht il-kura tal-psikjatra Dr. David Cassar l-pshyciatric unit gewwa St. Luke's Hospital. Qaltlu wkoll li kienu qalulha li ma kellha titkellem ma hadd b'dak li kien gara ghax inkella jkunu f'inkwiet kbir. Qal li fuq dan ir-rapport kien informa l-Magistrat tal-ghassa Dr. Abigail Lofaro u kienet infethet inkjesta biex tingabar kull evidenza li seta kien hemm u fil-fatt kien inhatar Doctor Mario Scerri, Dottor Veronica Aquilina, Chris Farrugia serologista u s-SOCO tal-pulizija. Zied jghid li l-vittma kienet akkumpanjatha minn ommha u flimkien mal-pulizija kienu haduha il-gynea ward ta' l-isptar.

Qal li sadanittant il-pulizija kienet investigat lil Keith Bartolo nhar il-hdax t'April 2006, fil-prezenza tieghu kif ukoll ta' l-Ispettur Anthony Cassar fejn l-istqarrija kienet ttiehdet gewwa l-ufficcju tieghu fejn wara li kien nghata s-solitu twissija li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma

jkunx jixtieq li jitkellem imma dak li ser jghid jista jingieb bi prova, kien mistoqsi jekk kienx lest li jitkellem mal-pulizija dak il-hin tal-gurnata.

Qal li Keith Bartolo accetta li jitkellem mal-pulizija u kien rrilaxxja stqarrija fejn spjega illi huma suppost kellhom imorru mixja sal-ponta tal-Isla, li kien fil-kumpanija ta' Joslin Bartolo, Rhys u Ronald u meta kienu mexjin Rhys gietu l-idea li jkollhom x'jaqsmu sesswalment ma' kugintu Joslin, minflok imorru jimxu sal-ponta tal-Isla. Qal li wkoll Rhys kienet gietu l-idea li jaghmlu s-sess ma Joslin fl-appartament tieghu.

Sussegwentement l-ghada nhar it-tnax t'April 2006 Keith Bartolo kien irrilaxxja stqarrija ohra fejn ikkonferma l-ewwel stqarrija u iccara xi punti ohra billi ta iktar indikazzjonijiet ta' x'kien gara dakinhar, liema stqarrija giet immarkata bhala Dok. RA 2. Ix-xhud qal li z-zewg stqarrijiet Dok. RA 1 u RA 2 kienu ffirmati minn Keith Bartolo.

Zied jghid li nhar il-hdax t'April 2006 Rhys Fiteni kien rrilaxxja zewg stqarrijiet fl-istess gurnata lill-pulizija fil-presenza tieghu kif ukoll tal-Ispettur Anthony Cassar wara li inghata s-solitu twissija li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jitkellem imma dak li ser jghid jista jingab bi prova. Qal li f'dawn iz-zewg stqarrijiet Rhys Fiteni kien spjega effettivament li kellhom x'jaqsmu ma Joslin Bartolo pero din kienet konsenswali, liema stqarrijiet gew esibiti w immarkati bhala Dok. RA 3 u RA 4.

Qal li fil-hdax t'April 2006 il-pulizija kienet tkellmet ma' Ronald Barbara fejn wara li kien inghata s-solitu twissija li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jitkellem imma dak li ser jghid jista jingab bi prova fil-presenza tieghu kif ukoll, ta l-ewwel stqarrija fil-presenza tal-Ispettur Anthony Cassar u it-tieni stqarrija fil-presenza ta' PC 1146 Edward Zammit. Qal li ghal dawn l-istqarrijiet Ronald Barbara kien ghazel li jiffirma u kien spjega l-fatti kif graw hekk l-istess bhal ma kien spjega Rhys Fiteni bid-differenza li qed jghid li fl-ebda hin Joslin Bartolo ma

qaltilhom biex jieqfu pero kien hemm mumenti fejn kienet qed tghid li ma riditx li jkollha x'taqsam maghhom sesswali pero mbaghad kienet cediet u kien kellha x'taqsam maghhom. Ix-xhud esibixxa dawn iz-zewg stqarrijiet ta' Ronald Barbara datati hdax t'April 2006 u tnax t' April 2006 bhala Dok. RA 5 u Dok RA 6 rispettivament. Qal li a bazi ta' dawn ic-cirkostanzi w avvenimenti u stqarrijiet u fatti nhar it-tnax t'April 2006 it-tlett persuni Keith Bartolo, Rhys Fiteni u Ronald Barbara kienu tressqu b'arrest quddiem il-Qorti bl-offizi kif dedotti fl-akkuza quddiem il-Magistrat Dr. Miriam Hayman.

Illi nhar it-tmintax ta' Settembru 2006 **xehed l-Ispettur Anthony Cassar** (fol. 217) fejn qal li nhar l-ghaxra t'April 2006 ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar, il-pulizija ta' Bormla gew infurmati minn certa Joslin Bartolo mill-Isla illi kienet marret flimkien ma ommha, li fil-jum ta' qabel hija kienet giet *raped* minn tlett guvintur li wiehed minnhom kien kugin taghha cioe Keith Bartolo, li huwa mill-Isla wkoll. Qal li hija kienet allegat li l-kugin taghha kien flimkien ma' zewg guvintur ohra cioe Rhys Fiteni u Ronald Barbara li gharaf prezenti fl-awla.  Qal li meta l-pulizija tkellmet ma' l-allegata vittma, hija kienet qalet li kienet qeghda fil-Promenade ta' l-Isla meta ghall-habta tat-tlieta w nofs ta' wara nofsinhar, Keith Bartolo, kugin taghha stedinha sabiex takkumpanjah ghal mixja fil-ponta ta' l-Isla u hija laqghet it-talba tieghu u li fi triqithom iltaqghu ma Rhys Fiteni, kif ukoll ma Ronald Barbara u Keith Bartolo ukoll stedinhom sabiex jakkumpanjawh ghal din il-mixja. Ix-xhud ssokkta jghid li din qaltlu li meta waslet hdejn l-istatwa tal-Madonna li hemm fl-istess Promenade, Rhys Fiteni hajjar lil shabu bil-kliem 'ahjar flok immorru l-Ponta immorru inbaqqnuha lil din', ghal liema kliem, il-vittma qaltilhom, 'ma hemmx kummiedji, lili x'qed tahsbuni?' Madanakollu, kompla jghid x-xhud, iz-zewg guvintur l-ohra laqghu it-talba ta' Rhys Fiteni fejn huwa mbaghad stedinhom biex imorru gewwa l-post tieghu li huwa ghandu ftit il-boghod mill-Promenade ta' l-Isla, liema post kien ghadu qed jigi rikostruwit.  Qalet li Joslin opponiet ghal din it-talba w infurmathom li kellha l-intenzjoni titlaq dak il-hin minn fuq il-post pero f'dan il-waqt Keith Bartolo qabadha lambranzetta u beda miexi maghha lambranzetta u din Joslin Bartolo qaltlu 'toqghodx

tikkummiedja' u sabiex ihalliha bi kwieta halli titlaq lil hemm, pero Rhys Fiteni u Ronald Barbara kif allegat l-vittma, komplew jghidu lil Keith sabiex izommha sewwa u ma jhallihiex titlaq minn fejn kienet avolja hi ripetutament qaltlu sabiex ihalliha bi kwietha. Qal li meta staqsieha jekk hija offrietx xi tip ta' resistenza, Joslin Bartolo kienet irrisponditu li ppruvat tnehhi idejha mill-qabda ta' dirghajn il-kugin taghha, pero kollu kien ghalxejn ghax ma setghetx taghmel dan. Qalet li hija dak il-hin hasbet li kien ser jigrilha xi haga u dan anke ghaliex Ronald Barbara xi zmien qabel kien qalilha li huwa kellu l-intenzjoni li jkollu x'jaqsam maghha fl-ewwel okkazzjoni li seta' jkollu. Qal li hi qalet li qatt ma ghaddielha minn mohha li huma setghu jkollhom x'jaqsmu maghha tant li meta waslu fil-post ta' Rhys u Rhys fetah il-bieb, hija rrifjutat li tidhol gewwa l-post w insistiet sabiex huma jhalluha. Qalet li l-vittma qaltlu li meta hija offriet resistenza, Keith ghen liz-zewg guvintur l-ohra sabiex jimbuttawha 'l gewwa b'certu forza u anke mbuttawha 'l fuq fis-sular ta' fuq, imbghad Keith zammha b'certu forza minn spallejha filwaqt li Ronald ghalaq it-twieqi li jaghtu ghal fuq it-triq u Rhys beda jipprepara saqqu mal-art li kien qed izomm mal-hajt dak l-hin. Qal li Joslin Bartolo qaltlu li dak il-hin kienet imwerwra u rrifjutat ripetutament ghall-avvanzi taghhom pero ftit setghet taghmel bit-tlieta li huma imdawrin maghha go kamra zghira. Qal li l-vittma qalet li dawn imbuttawha ghal fuq dan is-saqqu u anke nehhewlha l-hwejjeg taghha. L-ewwel, Keith nehhielha z-zarbun u Rhys kompla billi nehhielha d-dublett taghha u l-hwejjeg ta' taht. Qal li skond l-vittma, Ronald nehhielha t-top u l-bra taghha w t-tlett guvintur kellhom x'jaqsmu maghha wara xulxin u li kien Kieth li kellu x'jaqsam maghha l-ewwel, u Ronald u Rhys dak il-hin bdew jiddiehqu u jimmasturbaw lilhom infushom ftit il-boghod minn fejn kienu huma. Ix-xhud kompla jghid li l-vittma allegat li ghamlet hilitha kollha sabiex tnehhi lil Keith minn fuqha pero ma setghetx minhabba li dan kien qed izommilha idejha stirati mas-saqqu fejn kienet qeghda hi filwaqt li jzommha tahtu bis-sahha ta' gismu peress li dak il-hin kien qieghed fuqha. Qal li l-vittma qalet li dan sfoga fuqha u kien Ronald Barbara li imbghad kellu x'jaqsam maghha sesswalment. Qal li skond l-vittma, l-ahhar persuna li

kellu x’jaqsam maghha kien Rhys li wara li egakula fuqha, huwa infurmaha li kien ser ihalliha wahedha u jitlaq ‘l barra biex ma johorgux flimkien mill-post u jaghtu fil-ghajn quddiem in-nies, u qalilha wkoll biex meta tohrog, hija taghlaq il-bieb tal-post tieghu warajha. Qal li skond l-vittma, wara li hija marret id-dar taghha, Keith Bartolo kien cemplilha u wissieha sabiex ma tinforma lil hadd b’dak li kien gara bejniethom dakinhar. Qal li meta staqsiha ghal darb’ohra jekk kienitx tat il-kunsens taghha, hija rrispondiet fin-negattiv u sahqet li “kull meta staqsewni t-tlieta li huma jekk jiena kontx qed niehu pjacir, jiena wegibthom li le u imbaghad huma qaluli li jiena qisni oxx u ma nafx ninhexa u ma nafx niehu pjacir minhabba li ma bdejtx inkompli maghhom” ghaliex hi ma rieditx taghmel hekk u ma rieditx li jkollha x’taqsam maghhom kemm wara u kemm qabel.’ Qal li meta giet mistoqsija ghal darb’ohra jekk setghetx tahrab lil dawn it-tlett guvintur mill-post fejn kienu, hija rrispondiet li m’ghamlitx dan minhabba l-biza li kellha minnhom u minhabba li kienu qeghdin tlieta fin-numru mdawrin maghha f’kamra zghira. Qal li l-vittma nfurmat ukoll lill-pulizija li hija kienet qeghda tiehu xi medicina minhabba li matul dawn l-ahhar tnax il-xahar qabel ma sehh l-allegat incident, hija kienet qed issofri minn dipressjoni u kienet ukoll taht il-kura ta’ Dr. David Cassar ta’ Mount Carmel Hospital. Qal li hija ddikjarat li din kienet haga li kien jafha sewwa l-kugin taghha Keith pero’ qalet li ghalkemm kien jaf dan, huwa kien l-ewwel persuna li hajjarha sabiex tmur passiggata mieghu u kien hu l-ewwel persuna li zammha u li nehhielha hwejjigha u kellu x’jaqsam maghha kontra r-rieda taghha. Qal li l-vittma qalet wkoll illi hija kellha l-ewwel esperjenza sesswali mal-*boyfriend* li kienet mieghu dak iz-zmien qabel ma kellha dan l-incident. Qal li l-vittma qalet wkoll li qatt ma kellha *anal sex* kif kellha wkoll f’dan l-incident ma dawn it-tlett guvintur u cioe kif kellha ma Ronald, ghaliex Ronald kellu x’jaqsam maghha wkoll minn wara apparti bhall-ohrajn. Zied jghid li fuq dan ir-rapport, il-pulizija imbaghad interrogat lil Keith Bartolo, li jigi l-kugin tal-vittma Joslin Bartolo, ghal iktar investigazzjonijiet mill-Ispettur Raymond Aquilina tal-Vice Squad. Qal li fl-istqarrija rilaxxjata minn Keith Bartolo, dan qal li huwa, flimkien ma Joslin, Ronald u Rhys kienu qeghdin fil-

Promenade ta’ l-Isla u Rhys issuggerixxa ‘tridx nehduha sal-post tieghi u nbaqqnuha’. Qal li Keith qal li huwa kien vera zammha lambranzetta w imxew sal-post ta’ Rhys w ammetta wkoll li dahlu f’dan il-post u telghu fuq fejn imbaghad Rhys rranga saqqu fl-art w imbotta lil Joslin Bartolo fuqu. Qal li Keith qal li huwa kien nezzalha z-zarbun taghha filwaqt li t-tnejn l-ohra bdew inehhulha hwejjigha, imbaghad hareg il-parti tieghu barra w immedjatament beda jkollu x’jaqsam maghha. Qal li Keith Bartolo kien stqarr li wara li egakulha fuqha, huwa mesah zaqqha u l-organu tieghu b’bicca drapp li huwa sab hemmhekk fuq il-post stess w imbghad nizel isfel u hareg ‘l barra mill-post ta’ Rhys fejn mar lura fil-Promenade wahdu minhabba li imbaghad beda jiddispjacih ghal dak kollu li kien ghamel lill-kugina tieghu. Ix-xhud zied jghid li Keith stqarr mieghu li kien iltaqa ma Ronald u dan qallu li kien wkoll kellu x’jaqsam mal-kugina tieghu Joslin Bartolo minn wara u qallu wkoll li meta hareg mill-post, dan qal li Rhys kien ghadu qed ikollu x’jaqsam ma Joslin Bartolo. Qal li meta staqsa lil Keith jekk hux veru li Joslin ma rieditx li jkollha x’taqsam maghhom, huwa rrisponda fl-affermattiv w iddikjara li qaltilhom diversi drabi li ma rieditx li jkollha x’taqsam maghhom u waqqfithom ukoll kemm-il darba, pero minkejja dan, huma komplew sejrin xorta b’dak li kellhom f’mohhom. Ix-xhud qal li meta staqsa lil Keith jekk Joslin fil-fatt setghetx titlaq mill-post minn fejn kienet fil-hin li kien qed jigri l-incident, Keith Bartolo rrisponda ‘sakemm kont hemm jiena, ma setghetx titlaq u dan minhabba li konna qeghdin tlieta.’ Qal li meta staqsieh jekk kienx jaf fil-fatt li hija kienet taht kura medika, huwa wiegeb fl-affermattiv w ammetta wkoll li huwa kien jaf li Joslin kienet tiehu xi medicini u dan kien jafu ghaliex huwa kien tkellem maghha fuq din il-materja u qaltlu li kienet qed issofri minn *depression*. Qal li meta staqsa lil Keith ta’ min kienet l-idea li jaghmlu dak li ghamlu, huwa rrisponda li fil-fatt kienet l-idea ta’ Rhys Fiteni. Staqsieh ukoll jekk kienx veru li kien qalilha biex ma titkellem ma hadd fuq dak li kien gara, u huwa rrisponda wkoll fl-affermattiv. Qal li meta staqsa lil Keith x’ghamlu wara dan l-incident, huwa rrisponda li regghu marru jiehdu xi drinks il-Promenade tal-Isla. Sussegwentement, kompla jghid ix-xhud, il-pulizija

arrestat lil Rhys Fiteni mill-Isla w interrogatu wkoll flimkien ma’ l-Ispettur Raymond Aquilina. Matul l-interrogazzjoni, Fiteni qal li sakemm gara dan l-incident huwa kien l-gharus ta’ Charmaine Delia, li tigi oht Keith Bartolo, il-kugin tal-vittma Joslin, li waqqfet ir-relazzjoni taghha ovvjament meta saret taf dwar dan l-incident li kellha Joslin Bartolo. Rhys Fiteni qal li huwa kien jaqdef mal-club tar-Regatta ta’ l-Isla u li kien jaf lil Joslin ghal dawk l-ahhar tlett gimghat qabel ma sehh l-incident minhabba li din kienet qariba ta’ l-gharusa tieghu. Qalet li Rhys Fiteni qallu wkoll li matul il-jum li fih sehh l-incident, filwaqt li kien fil-Promenade ta’ l-Isla, Keith Bartolo beda jghid lil Joslin, ‘mhux imbilli kuginti, jiena lilek xorta naghtik’, w imbaghad Rhys Fiteni gietu l-idea li jmorru kollha fil-post tieghu u wara li huma lkoll qablu li jaghmlu hekk, huwa fetah il-bieb u dahlu kollha gewwa. Qal li Rhys Fiteni nsista mal-pulizija li ma kien hemm hadd li sforza lil Joslin Bartolo sabiex tidhol gewwa u zied jghid wkoll li Keith Bartolo kien li heggighom biex jitilghu fuq li ma jmurx jidhol xi hadd fil-post u jsibhom isfel jaghmlu dak li kienu ser jaghmlu. Qal li Rhys kompla jghid li huwa tela’ fuq l-ahhar wiehed mit-tlett guvintur u meta ghamel hekk, sab lil Joslin Bartolo bid-dublett u l-hwejjeg ta’ taht u f’liema hin Ronald kien qieghed hdejn Joslin Bartolo fejn dak il-hin qalilha biex tnehhi t-*top* taghha u fil-fatt kien ghenha sabiex tnehhieh. Qal li Rhys Fiteni zied jghid ‘Keith beda jintreda maghha waqt li jiena bdejt niffingerjaha fil-parti taghha ghax ma bediex ikolli erezzjoni u meta beda jaghmel maghha Keith, jiena harist minn got-tarag u ghidt lill-boxer li Keith kien qabad jaghtiha’, jigifieri kien qed ikollu x’jaqsam maghha u Ronald, maghruf ukoll bhala l-boxer qallu ‘qisu fenek jaghtiha’. Qal li l-imputat Rhys Fiteni imbaghad spjega fid-dettall x’gara wara, u cioe li Ronald Barbara kellu x’jaqsam ma Joslin Bartolo minn wara u hu, jigifieri Rhys Fiteni, kellu x’jaqsam maghha wkoll wara li kien heddidha sabiex ma titkellem ma hadd u ma ssemmi xejn fuq dak li kien gara dakinhar u finalment huwa telaq minn fuq is-saqqu li kien hemm fil-post. Qal li Rhys Fiteni kien ammetta wkoll li qabel ma telaq mill-post kien qalilha lil Joslin Bartolo sabiex taghlaq il-bieb sewwa warajha u wara l-incident iltaqa’ ma’ Keith Bartolo fil-Promenade ta’ l-Isla, u xorbu zewg pitchers ta’ inbid flimkien mill-Gunners

Club. Qal li meta Rhys Fiteni gie mistoqsi jekk hux veru li huwa qal 'imxi ha mmorru nbaqqnuha lil din' huwa rrisponda, 'iva, imma biex niccajta ghidt hekk. Hemmhekk kulhadd jghidha din.' Qal li meta staqsih jekk fil-fatt huwa riedx li jkollu x'jaqsam ma Joslin Bartolo, huwa rrisponda fl-affermattiv pero insista fl-istqarrija li Joslin kellha x'taqsam maghhom it-tlieta bil-kuntentizza taghha u mhux bil-fors, xi haga li ma kienetx taqbel la mal-verzjoni li tat il-vittma Joslin Bartolo u lanqas mal-verzjoni li ta Keith Bartolo. Sussegwentement, kompla jghid x-xhud, il-pulizija kellmet lil Ronald Barbara illi dan qal li jittrenja l-*boxing* bhala *hobby* tieghu u li kien jaf lil Joslin fil-Promenade tal-Isla ghall-ahhar tnax il-xahar qabel ma sehh dan l-incident. Qal li Ronald Barbara kien qal li kien iltaqa mal-vittma fid-disgha t'April 2006 ghall-habta tat-tlieta w nofs ta' wara nofsinhar meta hija kienet fil-kumpanija ta' Rhys Fiteni u Keith Bartolo. Qal li Ronald Barbara qal li inizjalment kienu sejrin il-Ponta ta' l-Isla pero iktar tard iddecidew li jmorru fil-post ta' Rhys Fiteni. Qal li Ronald Barbara qal li wara li Keith Bartolo u Rhys Fiteni kellhom x'jaqsmu ma Joslin Bartolo, huwa kellu x'jaqsam maghha wkoll minn wara u kellu wkoll *oral sex* maghha wara li imbghad huwa kien egakola fuq is-saqqu. Qal li meta staqsa lil Ronald Barbara min kien nehha l-hwejjeg ta' Joslin Bartolo, huwa rrisponda li hija kienet nehhiet il-hwejjeg wahedha w innega li huwa qatt ma nehhielha xi hwejjeg minn fuqha. Meta gie mistoqsi jekk kienx jaf fil-fatt kemm kellha zmien Joslin Bartolo, Ronald Barbara rrisponda li ghalih Joslin Bartolo kellha sittax jew sbatax il-sena. Meta gie mistoqsi ta' min kienet l-idea biex isir dak li sar dakinhar, Ronald Barbara rrisponda li kienet l-idea ta' Joslin pero' qal li kien Rhys Fiteni li gie bl-idea li huma jmorru fil-post tieghu. Qal li l-iktar persuna li kkoperat mit-tlett guvintur waqt il-kors ta' l-investigazzjonijiet kien Keith Bartolo ghax it-tnejn l-ohra ma tantx kkollaboraw. Qal li Ronald Barbara f'punt minnhom ukoll beda jagixxi b'mod arroganti mal-pulizija tul dawn l-investigazzjonijiet. Zied jghid li sussegwentement giet infurmata l-Magistrat ta' l-ghassa Dr. Abigail Lofaro li hatret diversi esperti f'dan il-kaz, gie fotografat ukoll il-post ta' l-incident u gew elevati l-oggetti msemmija f'dan il-kaz, u dawn iz-zghazagh gew imressqa l-Qorti quddiem il-Magistrat Dr. Miriam Hayman

u akkuzati b'diversi akkuzi relatati ma dan il-kaz. Ix-xhud kompla jghid li hu minnu dak li gie suggerit lilu mill-avukat difensur li dak kollu li qalulu l-imputati gie rifless fl-istqarrija rilaxxjata minnhom.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin t'April 2006 **xehdet Joslin Bartolo** (fol. 33) fejn qalet li nhar d-disgha t'April, 2006 nizlet ix-Xatt wahedha u bdiet titkellem ma' shabha tfajliet u cioe l-kugini taghha, Donatella Pace u Valerie Brincat w imbaghad fit-tlieta w nofs ta' wara nofsinhar mar il-kugin taghha Keith Bartolo u staqsiha jekk kienetx sejra mieghu l-Ponta ta' l-Isla u marru u huma w sejrin iltqaghu ma' Rhys Fiteni. Qalet li Rhys Fiteni staqsa lil Keith fejn kien sejjer u dan qallu sal-Ponta jduru u talbu jmur maghhom u dan accetta. Qalet li fit-triq, l-kugin ra lil wiehed, jismu Mark imlaqqam il-Pizu, u qallu biex jekk jara lill-imputat Ronald Barbara imlaqqam l-Boxer jghidlu li kienu ser ikunu il-Ponta sabiex jmur hemmhekk u b'kumbinazzjoni, waqt li kienu sejrin iltaqghu mieghu u mar maghhom wkoll u ghalhekk spiccaw hi, Keith, Rhys u Ronald. Ziedet tghid li mbaghad bdew mexjin u x'hin waslu fejn l-istatwa tal-Madonna, tax-Xatt, huma u dehlin il-Ponta, Rhys qal lil Ronald u lil Keith, 'trid minflok immorru l-Ponta, immorru nbaqqnuha l-post lil din?' u hi qabzet u qaltilhom 'lili x'qed tahsibni? U qaltlu biex immorru lura x-Xatt ha tkompli ma min kienet.

Ziedet tghid li huma u mexjin u anke meta waslu x-Xatt, huma bdew jidhqu u hi qaltilhom li kienet ser titlaq u kien dak il-hin li l-kugin l-imputat Keith qabdilha idejha, tefaghha lanbrazzetta, u qalilha biex ma toqghodx tikkummiedja. Qalet li hi bdiet tghidlu biex jitlaqha u li ma kienux ser jiehdu dak li riedu minghandha u Keith beda jghidilha biex ma tghajjatx ghax jisimghuha in-nies u kompliet tiela maghhom. Qalet li hi ma setghetx titlaq u baqghu mexjin. Rhys u Ronald bdew jghidu lil Keith biex jibqa' jzommha sew ghax tahrab. Spjegat kif x'hin waslu fejn il-post, Rhys fetah bieb ta' dar u hi staqsietu x'kien ser jaghmel u qaltlu biex jitilqu lil hinn u bdiet tipprova titlaq pero lahaq fetah u Keith imbuttaha l' gewwa u l-ohrajn ghenuh filwaqt li ghalaq il-bieb u qalilha biex tinza.

Qalet li hi ma rieditx u talbitu biex jitilqu l'barra, pero qabez Keith u qal '*nahxuha hawn ghax iktar inkunu komdi'*. Ix-xhud ziedet tghid li hi ma rieditx titla t-tarag, pero' min beda jaqbadha minn hemm u min minn hawn biex tellghuha fuq u kif telghu, Keith zammha, Ronald ghalaq il-gallarija u Rhys nizzel is-saqqu ma' l-art u tefghuha fuqu u bdew inezzghuha.

Qalet li Keith nezzghalha z-zarbun, Rhys il-qalziet ta' taht u d-dublett u Ronald il-flokk u l-bra. Qalet li hi bdiet tghidilhom li kienu ser iqattughomlha u bdiet titlob '*Gesu ghinni'*. Qalet li wara, Keith beda jaghmel maghha u l-ohrajn sadanittant nezghu u bdew jimmasturbaw ghax ma setghax ex admissis tghid '*iqumilhom*' ghax xorbu izda ma kienux fis-sakra u kienu jafu sewwa x'qed jaghmlu. Hi bdiet tipprova timbutta lil Keith pero ghalxejn ghaliex xorta ppenetraha. Qalet li meta lesta hu, mar Rhys u peress li l-ohrajn baqghu hemm, qallhom li sakemm idumu hemm ma kienx ser jaghmel maghha u talab lil Ronald biex ikollu x'jaqsam maghha u hekk gara, Ronald ghamel maghha minn wara u minn quddiem. Ziedet tghid li mbaghad Rhys mar hdejha biex ma tilhaqx tahrab u ghamel maghha u qalilha 'issa ghalaq il-bieb warajk', tella' s-saqqu f'postu u telaq.

Qal li Rhys mesah f'xugaman abjad. Qalet li t-tlieta li wara li ppenetrawha u telqu, hi sussegwentement telqet u ghalqet il-bieb. Qalet li ghall-ewwel bdiet tibza tohrog ghaliex il-guvintur kienu qalulha '*ara ma tghidx ghax iggibna fl-inkwiet*'. Imbaghad, ziedet tghid x-xhud, marret d-dar qisha belha, imferfxa, haslet il-hwejjeg u dahlet tinhasel. Kugintha dahlet maghha fejn rat lil Joslin tibki u staqsietha '*xi gralek?'*. Hemmhekk il-vittma irrakkuntatilha kollox.

Qalet li bdiet toqghod lura minn zitha ma tmurx tohodha kontriha, imma imbaghad l-ghada kienet il-kugina taghha stess, li tigi l-gharusa ta' Rhys u oht Keith, Charmaine Farrugia, issa Delia ghax sseparat, li qaltilha biex tmur l-ghassa ghax dawk mhux affarijiet li toqghod izzommhom lura u b'hekk marru l-ghassa. Ix-xhud qalet li kienet ser tghalaq tmintax il-sena fit-tlettax ta' Marzu u li kienet taht il-kura tal-psikjatra Doctor David Cassar, u kienet qed tiehu l-kalmanti.

Qalet li kien ilha b’din il-kura minn sena qabel ghax kienet qabditha tension, kienet tinsab dejjem inkwetata u tahseb hafna u tiehu l-affarijiet bi kbar. Qalet li dawn il-guvintur kienu qalulha biex ma tghidx dak li kienu ghamlulha u hi hassitha bhala theddida. Spjegat li Rhys Fiteni huwa gharus ma’ Charmaine Delia li tigi oht Keith Bartolo. Qalet li marru fuq il-post, bir-rigel mhux bil-karozza. Mistoqsija jekk qattx pruvat titlaq minn taht idejn kuginuha, wiegbet li ma setghetx ghax “il-kmamar kienu zghar u qisek huma kollha mieghek fejn tohrog ghat-tarag isfel u qisek mitluqa fuq is-saqqu hux, wiehed ilesti u l-iehor jigi” u ma setghetx taghmel iktar milli timbuttahom. Qalet li hi bdiet tghidilhom biex ihalluha u l-kugin taghha Keith beda jghidilha biex ma tghajjatx u l-ohrajn bdew jghidu ‘*ara ghax tahrablek*’. Dak il-hin la ghajtet u lanqas ghamlet affarijiet li jindunaw in-nies ghax bezghet li ser jaghmlulha xi haga.

Mistoqsija jekk dik kienetx l-ewwel darba li kellha x’taqsam m’irgiel, wiegbet li lil Keith u lil Ronald gieli kienet tkellimhom u toqghod maghhom, anke tmur dawra bil-karozza maghhom imma qatt ma waslu ghal haga bhal din u qatt ma kellha x’taqsam maghhom qabel din l-okkazzjoni. Qalet li hi ma rieditx li jkollha x’taqsam ma dawn t-tlieta ghalkemm ma Ronald kellha grazzja, imma darba bdiet titkellem mieghu u qalilha li riedha biex l-ewwel darba jaghmel maghha , u hi rrispondietu ‘*mela lili nsieni’*. Lil Rhys, kompliet tghid x-xhud, lanqas biss jghaddilha minn mohha li tmur mieghu u lanqas mal-kugin taghha Keith.

Mistoqsija jekk hiex gharusa, ix-xhud wiegbet li kienet gharusa lil Joseph Abela pero’ dakinhar kienet miggielda mieghu. Qalet li dakinhar ta’ l-incident kienet ghamlet minn xi t-tlieta w nofs ta’ wara nofsinhar sal-hamsa ta’ filghaxija maghhom. Mistoqsija meta l-ahhar li kienet rat lil-gharus taghha Joseph, wiegbet li kienet ratu dakinhar fid-disgha t’April 2006, u kienet raqdet u kellha x’taqsam mieghu f’xi s-sebgha ta’ filghodu fil-flat tieghu u ta’ habib tieghu f’B’Bugia, *furnished*, u f’nofsinhar kien wassalha d-dar ghax ma rieditx inizzilha x-Xatt.

Mistoqsija jekk qabel din l-okkazzjoni qatt kellha x’taqsam ma xi hadd b’sess minn wara, wiegbet li le ghax ma’ l-gharus dejjem “normali”, u l-ewwel darba li kellha x’taqsam minn wara kienet dakinhar biss ma Ronald Barbara. Qalet li ma Keith, Rhys u Ronald kellha x’taqsam maghhom dak inhar il-Hadd disgha t’April, ma Keith darba, ma Rhys darbtejn ghax l-ewwel darba qallhom ‘*quddiemkom ma jistax iqumli*’ u ma Ronald darba imma minn quddiem u minn wara.

Mistoqsija tispjega kif kellha x’taqsam ma dawn it-tlett zaghzagh, ix-xhud qalet li dawn bdew jinzghu, sadanittant hi kienet fuq is-saqqu u tenniet kif dak il-hin rat dalma u bdiet tibza, w imbghad beda Keith, ippenetraha, ipprova jintreda maghha izda hi bdiet idawwarlu wiccha, filwaqt li l-ohrajn bdew jimmasturbaw. Meta mbghad lesta Keith, egakola, naqra il-fuq minn zaqqha, mesah u mesah lilha u imbghad x’hin gie l-iehor, bdiet tipprova terga taghlaq saqajha imma bdew jiftuhomlha. Qalet li “ma qamlux, dahhlu rieqed u imbghad hareg, qallu ‘*issa ehles inti’*, sadanittant lahaq jilbes Keith u marru ‘l hemm .”

Qalet li mbaghad l-imputat il-Boxer beda jdawwarha lil hemm u lil hawn, ipprova jkollu x’jaqsam maghha minn wara izda ppruvat izzommu b’idha biex ma thalliehx ghax fuq wara weggghet hafna imma ghal xejn, imbaghad lesta u egakola, wara mar Ronald ghax l-ewwel quddiem u imbghad wara, lahaq egakola. Imbaghad mar Rhys fuqha waqt li l-ohrajn libsu, kompla jimmasturba u ghamel ukoll u egakola fuq zaqqha u mesah bix-xugaman, t-tlieta li huma anke lilha ixxottaw fix-xugaman.

Mistoqsija meta kellha x’taqsam sesswalment maghhom, il-posizzjoni taghha kif kienet, wiegbet li kienet qisha ghagina, ghax bdew jghidulha ‘*qisek oxx lanqas taf tinhexa, ghid xi haga li turi li qed tiehu pjacir’* u hi rrispondiethom li ma kienetx qed tiehu pjacir, li huma gew li rrapjawha ghaliex hi ma kellhiex pjacir li tmur maghhom, qatt u qatt ma setghet tohrog minn din il-kamra.

Mistoqsija tispjega l-avvenimenti kif saru, dak li kellu x’jaqsam maghha u kien fuqha, l-ohrajn fejn kienu, ix-xhud

qalet li l-ohrajn kienu fejn it-tarag t'isfel, jimmasturbaw. Qalet li dan il-post kif tidhol isfel, hemm tarag titla fuq u kamra ohra fuq, imma huma kienu fit-tieni sular u l-kmamar zghar. Rhys Fiteni kien qed jirranga dan il-post biex il' quddiem imur joqghod fih. Qalet li hi ma setghetx tohrog minn fejn dahlet ghax sakemm tinzel it-tarag gharwiena, sakemm tilhaq tilbes huma ser jilhqu jitilghu hdejha. La riedu xi haga minnha, ma kienux ser ihalluha tohrog ghalkemm hi ippruvat twarrabhom minn fuqha izda kull darba li ppruvat tqum, kienu jzommuha sew mas-saqqu tant li ma setghetx ticcaqlaq.

Mistoqsija mill-Ponta ta' l-Isla lejn il-flat jew appartament li kien ghadu taht *refurbishing*, kif zammha kuginuha Keith, ix-xhud wiegbet li b'idha f'idejh u jzommilha idha l-ohra, li ma setghetx tnehhiha. Qalet li ghal xejn bdiet tghidilhom biex ihalluha ghax bdew jghidlulha ma tghajjatx ghax jisimghuha in-nies u ta' spiss tennew il-kliem '*zommha ghax tahrabilna'*.

Mistoqsija meta regghet lura mill-Ponta ta' l-Isla biex tmur fl-appartament ta' Rhys, ghadditx mix-Xatt ta' l-Isla, jigifieri minn fejn halliet lil shabha, ix-xhud wiegbet li le, imbghad ghaddiet min naha l-ohra jigifieri mhux mix-Xatt, mit-triq l-ohra, fit-triq tal-post fejn saru l-affarijiet u dritt u imbghad baqghet sejra d-dar mill-ewwel wahedha. Mistoqsija meta kienet sejra lejn il-flat ma Rhys, Ronald u Keith, ghaddewx mix-Xatt ta' l-Isla, wiegbet fl-affermattiv.

Kien wara li lestew minn maghha li ma marritx lura mix-Xatt. Mistoqsija jekk meta ghaddew mix-Xatt ta' l-Isla, ratx lil shabha wiegbet li huma kienu lil hemm ghax huma ghaddew qishom mal-latrina u titla dik it-telgha. Qalet li rawha xi nies, imma dak il-hin hi ma ghajtietx. Mistoqsija jekk il-kundizzjoni li semmiet li ghandha u cioe li qeghda taht kura ta' Dr. David Cassar, jekk kienx hemm xi hadd minn dawn, Keith, Ronald jew Rhys li kienu jafu li ghandha din il-kundizzjoni, ix-xhud wiegbet li Keith kien jaf ghax ommu u l-familja tieghu jafu ghax gieli tkellmet quddiemhom, lil Ronald ma qaltlux pero' jekk kien qallu l-kugin Keith ma kienetx taf, forsi tkellmu, u Rhys zgur li le

ghax ma tantx kienet tkellmu, pero’ Keith kien jaf li kienet tmur ghand it-tabib.

Mistoqsija jekk wara dan l-incident, ircevietx xi telefonata minghand xi hadd, ix-xhud wiegbet li minghand Keith, dakinhar stess fis-sitta ta filghaxija meta kienet biddlet w inhaslet u qalilha ‘*tparla xejn ta’ dak li ghamilnilek illum’*, u staqsieha jekk hiex niezla sax-Xatt w hi rrispondietu li ma kellhiex ghalfejn tinzel ix-Xatt u qatatlu. Mistoqsija x’cirkostanza kien hemm, kemm kienet ilha tiehu kura u ghala zdieditilha din il-kura, ix-xhud wiebget li minhabba t-tensjoni. Mistoqsija tghid id-distanza li mxiet mill-Ponta ta’ l-Isla sal-kamra ta’ Rhys bejn wiehed u iehor kemm hija wiegbet li qisu minn Bieb il-Belt sat-tieni kantuniera. Mistoqsija tghid kemm imxew minn fejn kienu u cioe fejn iltaqghet maghhom ghal din ir-residenza, ix-xhud wiegbet naqra inqas. Qalet li huwa minnu li dak il-hin tal-gurnata jkun hemm hafna nies ix-Xatt ta’ l-Isla. Mistoqsija ghaliex allura m’ghajjtitx, ix-xhud wiegbet li m ‘ghajjtitx ghaliex ma hallewhiex. Qalet li dak il-hin qisha kienet bejn tlieta, bdiet tghidilhom, ‘*tridu tirrejpjawni inthom ghax jiena ma rridx nigi maghkom’* ghax ma kellhiex dak il-hsieb. Ghalkemm ma’ Ronald ammettiet li kellha grazzja, qalet li ma ridetx tmur mieghu ghal darba biss. Qalet li ma basritx li ser jaghmlu dak li ghamlu, u ttamat li forsi kienu qed jiccajtaw.

Mistoqsija ghaliex meta kellha x’taqsam ma Ronald, jekk kienetx tiffansjah, kienetx qed tiehu pjacir bih jew riedet tkompli, ix-xhud wiegbet li ma rieditx tkompli ghax hu bniedem li jkun iridha ghall-ewwel darba biss u hi ma xtaqitx dan. Mistoqsija ghaliex allura jekk qed tghid li xorta ma tridux, allura bil-purtelli miftuhin b’dan il-post zghir, ghaliex xorta ma talbitx ghal ghajjut, ix-xhud wiegbet li bdiet tipprova tghajjat imma xorta ma kienux ser jisimghuha, bil-gallerija maghluqa w il-purtelli kienu mbexxqin naqra kemm jaraw naqra dawl, ghax dan l-post mudlam, bla dawl xejn w ghalhekk hi bdiet tghidilhom halluha u ma jkomplux.

Mistoqsija jekk hux minnu li l-kalmanti tehodhom meta jkollha xi tghid ma l-gharus taghha, bil-biza li jitlaqha, ix-xhud wiegbet le ghax fil-fatt kien ilha tehodhom sebgha

xhur qabel ma kienet ma’ l-gharus u kienet bdiet tehodhom ghaliex tinkwieta mix-xejn, per ezempju kienet tibza li ser tmur ghaliex kienet tibza’ hafna mill-mewt, specjalment meta kienet tisma b’xi ahbar li miet xi hadd. Mistoqsija jekk kelliex relazzjonijiet ma rgiel ohra mhux biss ma l-gharus taghha li semmiet, ix-xhud wiegbet li qatt ma kellha u li dak kien l-ewwel gharus taghha. Mistoqsija tghid jekk hux qieghda ma’ ragel mizzewweg ta’ hamsa w tletin sena, ix-xhud wiegbet fl-affermattiv u ziedet tghid li dan ghandu zewgt itfal.

Mistoqsija tghid jekk meta hi jkollha x’taqsam mieghu, hi mentalment f’posizzjoni li tista tiddeciedi jekk tridx jew ma tridx, ix-xhud wiegbet fl-affermattiv wkoll. Mistoqsija tghid li hi ma ghandha l-ebda marda tal-mohh li konsegwenza taghha ma tistax tiddeciedi jekk trid jew ma tridx li jkollha x’taqsam ma xi hadd, ix-xhud wiegbet li sa fejn taf hi jekk ikollha grazzja mieghu, mhux li taghmel mill-ewwel imma tibda tohrog mieghu.

Mistoqsija tghid kemm damet sabiex tirrakonta dan il-fatt, ix-xhud wiegbet li lil ommha qaltilha ftit wara u bdiet tibki, u fil-fatt kienet qaltilha kugintha, u ommha marret fuqha u qaltilha li bhala omm trid tghidilha kollox w infaqghet tibki u qaltilha li kienu rrapjawha. Imbghad wara ftit li qisu qaghdet sewwa, bdiet tghidilha l-istorja u ommha qaghdet lura minhabba ohtha z-zija. Mistoqsija qabel ma kellmitha lil ommha, fejn kienet marret, ix-xhud qalet li kienet marret tinhasel mill-ewwel ghax kienet mimlija bit-trab u anke haslet il-hwejjeg li kienet liebsa.

Mistoqsija jekk meta telqet minn hemmhekk, shabha qalulhiex li riedu jmorru maghha, bdew jiccajtaw u hi riedet tmur maghhom, ix-xhud innegat dan. Mistoqsija jekk hux veru whud minnhom kellhom problemi ta’ erezzjoni u jekk kienx veru li kienet hi stess li ghenithom, ix-xhud wiegbet li ma kienx il-kaz. Mistoqsija fejn kienet lahqet waslet ma Rhys Fiteni u ma Keith meta gie Ronald, ix-xhud wiegbet li kienet waslet sal-gabbana r-roza l-ewwel wahda, ix-Xatt stess, madwar tliet minuti mixi. Qalet li matul dan il-hin qaghdu jitkellmu. Qalet li dawn qalu ‘*ejja ha mmorru nbaqqnuha’* x’hin waslu fejn l-istatwa

tal-Madonna, fejn ix-Xatt, qabel id-dhul ghall-Ponta. Qalet li dak il-hin ma kienx hemm nies.

Mistoqsija jekk kienetx taf dak il-hin x'kienet l-intenzjoni ta' tlieta min nies, ix-xhud wiegbet li pero x'hin waslu fejn il-post hi ppruvat titlaq, hi qalet bejna u bejn ruhha dan ma ghandux cavetta Rhys fuqu ghax dan joqghod f'dar l-ohra u ma hemmx bzonn joqghod igorr tal-post cavetta. Mistoqsija jekk staqsitux jekk kellux cavetta, ix-xhud wiegbet li ma staqsietux, anzi, ma tkellmet xejn. Mistoqsija jekk ghaddilhiex minn mohhha li dawn qed jghidulha bis-serjeta', ix-xhud wiegbet fin-negattiv. Cahdet li hi marret maghhom mhux ghax kienu qed izommuha imma ghax kienet qed tmur minn rajha. Qalet li ndunat li kellhom cavetta malli waslu quddiem il-bieb u dak il-hin pruvat titlaq izda beda jzommha l-kugin Keith waqt li kienu ghadhom barra, mbaghad imbuttawha ghal gewwa.

Mistoqsija jekk offrietx resistenza, ix-xhud wiegbet li offriet resistenza izda sabitha difficli ghaliex komplew jimbuttawha, u ma ghajtitx ghax bezghet li ser jaghmlulha xi haga. Fil-fatt Rhys qalilha biex ma titkellem ma' hadd dwar dak li kien gara, ghax wessieha li darb'ohra tkun aghar. Mistoqsija meta dahlu gewwa, qabel ma telghu fuq, x'gara, ix-xhud wiegbet li Rhys ghalaq il-bieb imbaghad meta ppenetraha go fiha qaltilhom biex ihalluha pero qabez Rhys u qalilha li ser jinza u qaltilhom li ma rieditx tmur maghhom. Cahdet li hi nezghet minn jeddha. Qalet li t-tlieta urew forza biex inezzghawlha l-hwejjeg minn fuqha, tant li kienu ha jqattghuhomlha. Mistoqsija kif tista tispjega li xi hadd qed iqaccatlek l-hwejjeg minn fuqek u ma jitqattghux, ix-xhud qalet li ma qaghditx ticcjekkahom. Mistoqsija jekk ghenithomx hi f'xi stadju, ix-xhud wiegbet fin-negattiv.

Mistoqsija jekk rieditx li jkollha x'taqsam maghhom, ix-xhud wiegbet li ma kellha l-ebda rieda, u li fl-ebda mument ma nezghet il-hwejjeg hi izda kienu dawn it-tlieta li nezzghula l-hwejjeg. Mistoqsija x'kienet liebsa dakinhar, ix-xhud qalet li kienet liebsa "flokk qisu polo gej bil-V u fuq dan, dublett u zarbun bil-ponta" filwaqt li kalzetti ma

kellhiex. Qalet li meta kellhom x'jaqsmu maghha t-tlett subien, kellhom x'jaqsmu maghha individwalment wiehed wara l-iehor, u mhux flimkien. Mistoqsija waqt li wiehed minnhom kellu x'jaqsam maghha, l-ohrajn fejn kienu, ix-xhud wiegbet li kienu hdejha jidhqu u jikkummidjaw u jimmarsturbaw biex jippruvaw jkollohom erezzjoni. Mistoqsija jekk hi qabditx il-parti genitali taghhom, ix-xhud wiegbet li ma qabdet ta' l-ebda wiehed minnhom u kienet certa minn dan u lanqas biss messithom lill-guvintur, hlief biex tipprova timbuttahom.

Mistoqsija jekk kienx minnu li xi tlett gimghat qabel dan l-incident, kienetx quddiem il-hanut tal-Kavall ma' Keith u Ronald, ix-xhud wiegbet li kienet tkun hemmhekk hdejhom ta' spiss, l-iktar meta tkun miggielda ma' l-gharus. Mistoqsija jekk kienx minnu li darba minnhom waqt li kienet hemm hekk kienet kixfet sidirha, ix-xhud wiegbet li qatt ma ghamlet hekk quddiem il-Kavall ghax kieku mill-ewwel kienu jmorru jghidulhom lil hutha. Qalet li kienet zgurha li qatt ma ghamlet hekk. Qalet li darba kienu x-Xatt fejn il-Macina hi u xi ohrajn inkluz Keith. Tnejn minnhom bl-ismijiet ta' Maria u Marisa bdew izommulha idejha. Kienu ghadhom fi zmien fejn kien hemm huhom ikun maghhom, pero' Ronald ma kienx hemm u lanqas Rhys. Bdew jiccajtaw, min izommha u min ried ibusha u kixfilha sidirha l-kugin ta' Marisa u Maria, Joseph Pace, li jigi kugin ta' Keith ukoll, ghax hasbu li ser toqghodilhom.

Mistoqsija tikkonferma jew le jekk Ronald Barbara ghamilx maghha minn wara, ix-xhud ikkonfermat dan. Mistoqsija jekk stiednitux hi, wiegbet li le. Cahdet dak li gie suggeriet lilha li kienet hi li talbitu biex jaghmel minn wara, anzi ippruvat timbuttah biex ma jkomplix. Mistoqsija jekk marritx ghand tabib, ix-xhud wiegbet li marret ghaliex il-pulizija haduha l-isptar.

Illi nhar l-erbatax ta' Gunju 2006 **xehdet Rita Bartolo** (fol. 154) fejn qalet li tiftakar li darba minnhom kienet marret bintha d-dar ghall-habta tal-hamsa w nofs ta' filghaxija u kienet bajda karti u xuftejha bojod, izda peress li kellha l-mistednin id-dar, bintha ma setghetx titkellem. Imbaghad, kompliet tghid ix-xhud, kien cempel il-*mobile* u bintha kienet bil-qieghda hdejha dak il-hin, u semghet lil Keith, li jigi t-tifel ta' ohtha, jghidilha, '*ara ma tikxifniex ghax*

*iggibna fil-ghali*'. Sussegwentement, kompliet tghid x-xhud, bintha dahlet tinhasel u hi staqsietha ghalfejn kien qalilha hekk u jekk ratux jaghmel xi haga. Qalet li marret thabbtilha peress li kienet qed tinhasel u staqsietha x'kien gralha u qaltilha li xtaqet tkellimha. Kompliet issaqsiha dwar Keith u bintha bdiet tibki. Qaltilha li riedet tkellimha u hemmhekk kixfet li kienu rrepjawha tlieta min nies. Meta ommha staqsietha min kienu, bintha qaltilha li kienu Keith, il-Boxer u Rhys. Il-vittma qaltilha li kellha hsieb tmur l-ghassa izda bdiet thoss ghal Keith peress li jigi minnha, pero' kienet inkwetata li l-incident seta' jirrepeti ruhu. Ix-xhud kompliet tghid li qalet lil bintha biex tinhasel u tidhol torqod. Qalet li f' xi hin marret tittawlilha u regghet sabitha tibki.

Qalet li sussegwentement hi kienet fethet qalbha ma bintha l-ohra li wkoll kienet tqila, u din qaltilha li kienet ser taghmel dnub u li ma kienetx ser taghmel sewwa u jekk ma tmurx maghha hi, kienet ser takkumpanjaha hi. Qalet li mbaghad marret l-gharusa ta' Rhys Fiteni u bdejt tghidilha u qaltilha biex tmur. Kompliet tghid li hi nizlet fis-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar taghmel ir-rapport l-ghassa.

Qalet li bintha kemm il' darba kienet fil-presenza ta' Keith u tal-Boxer u qatt ma ghamlulha xejn. Qalet li l-Boxer huwa Ronald Barbara l-imputat odjern filwaqt li Keith huwa l-imputat fin-nofs u Rhys huwa l-imputat fuq il-lemin tal-Qorti filwaqt li Ronald huwa dak fuq ix-xellug. Ix-xhud kkonfermat li bintha ilha taht kura medika tal-psikjatra David Cassar pero minn mindu gara dan l-incident kellha zzidilha l-pilloli. Qalet li hi kienet konxja li kienu jdejquha l-affarijiet u xi haga tkun mghawga tkun tridha dritta u kien ghalhekk li kienet marret ghand it-tabib. Qalet li hi ma tafx jekk Keith kienx jaf li bintha kienet taht kura medika pero taf li hi kemm-il darba tkellmet ma ohtha li tigi omm Keith rigward is-sahha taghha. Ziedet tghid li wara dan l-incident, bintha baqghet tghix maghha u minn dakinhar qatt ma marret *parties.* Cahdet l-allegazzjoni li bintha marret xi *party* f'Ghawdex. Iddikjarat li bintha ilha taht kura medika ghal perjodu ta' sena u bintha hija wahda nadifa hafna u tbati mill-fissassjonijiet. Qalet li bintha issa

qabdet tohrog ta' sbatax il-sena u fil-passat ma kellhiex problemi b'gharajjes. Fil-prezent, kompliet tghid ix-xhud, bintha ghandha gharus li ghandu tlieta w tletin sena w ilha mieghu xi sebgha jew tmien xhur. Qalet li bintha ma kellhiex problemi u dak li qed jigi allegat li l-fissazzjonijiet li ghandha huma minhabba r-relazzjoni li hija ghandha ma dan il-guvni, m'humiex minnhom ghax bintha kienet b'dawn il-problemi minn qabel ma ltaqat mieghu. Qalet li tafx f'liema sitwazzjoni tinsab ir-relazzjoni. Temmen li bintha qatt ma kellha ragel iehor qabel dan. Qalet li l-ewwel darba li bintha kellha x'taqsam ma ragel hu ma dan il-guvni li tohrog mieghu, u ll bintha qatt ma qabditha f'gidba ghaliex hija tfajla onesta. Fil-fatt, kompliet tghid ix-xhud, il-vittma dejjem qalet kollox lilha u lill-ohtha. Tenniet li qabel din ir-relazzjoni bintha ma tantx kienet tohrog ghax xoghol ma kellhiex allura dejjem id-dar, u hbieb fitt kellha. Qalet li anke l-professur kien jghidilha biex tohrog ghax ma setghetx tibqa' dejjem id-dar. Qalet li issa s-sitwazzjoni hija differenti mis-sena l-ohra l' hawn ghaliex issa ghandha gharus.

Qalet li bintha hija t-tip li ma tiddejjaqx toqghod gewwa u anke llum, avolja gharusa, tqatta hafna hin id-dar. Cahdet dak li gie allegat lilha mid-difiza, li bintha Joslin kienet tmur il-bahar mal-kugini u li marret daqxejn l-bahar ma' l-gharus li ghandha llum. Qalet ukoll li oht Keith, gieli cemplitilha u tghidilha li niezla x-xatt, tghidilha li niezla u ma tinzilx. Qalet li meta bintha kienet marret id-dar, wara dan l-incident, id-dar kien hemm Carmen Buttigieg u zewgha Spiru, Charmaine Farrugia li tigi oht Keith u bintha.

Illi nhar l-erbatax ta' Gunju 2006 **xehdet WPC Denise Camilleri** (fol. 158) fejn esibiet r-relazzjoni taghha wara li kienet giet nominata fl-atti ta' l-inkjesta mill-Magistrat Dottor Abigail Lofaro b'digriet taghha ta' l-ghaxra t'April 2006, liema relazzjoni giet immarkata bhala Dok. SOCO flimkien ma' zewg ritratti.

Illi nhar s-sebgha t'Awwissu 2006 **xehdet Dottor Veronica Aquilina** (fol. 188) fejn esibiet r-relazzjoni taghha li giet immarkata bhala Dok. VA (fol. 190 et seq).

Jirrizulta minn ezami ta din ir-relazzjoni hija kienet giet nominata fl-ati tal-inkejsta mill-allura Magistrat Dr Abigail Lofaro saebiex tirrelta fuq ir-rapport tal-pulizija, tigbor il-provi inkluz li tisma ix-xhieda bil-gurament.

Jirrizulta minn qari akkurat ta' dan ir-rapport li din l-espert ikkonkludiet li:- " *f'xi hin wara nofsinhar il-hadd 9 ta' April 2006 L-imputati odjerni ikkomettew stupru fuq il-persuna ta' Joslin Bartlo gewwa fond l-Isla liema tfajla Keith kien jaf li kienet that il-kura u dan wara li l-istess Keith seraq il Joslin imheggeg ukoll mit-tnejn l-ohra Rhys u Ronald li kollha flimkien imbaghad nezzawha kontra r-rieda taghha premzz ta l-uzu ta forza u bl-eventwali theddid sabiex ma titkellimx dwar dak li kien gara.*"

Illi nhar t-tmintax ta' Settembru 2006 **xehed Anthony Bonnici** (fol. 225) ghan-nom w in rappresentanza tac-Chairman tas-socjeta Go Mobile, fejn qal li 'in segwitu tad-digriet ta' din il-Qorti datat erbatax ta' Gunju 2006, hu gie mitlub sabiex jesebixxi kopja tal-*incoming messages* ghal perjodu t'erbgha xhur mid-disgha t'April 2006 fuq il-*mobile number* 79278170 li jappartjeni lil certu Ronald Barbara u *mobile number* 99226821 li jappartjeni lil Keith Bartolo. Qal li dwar il-*mobile phone number* 99226821 li jappartjeni allegatament lil Keith Bartolo, dwar dan ma jistax jaghti informazzjoni peress li huwa *telephone number* tal-Vodafone. Dwar il-*mobile number* 79278170 ix-xhud esebixxa kopja tal-*incoming* sms's. Dwar il-fatt jekk dan it-telefon jappartjenix lil Ronald Barbara, ix-xhud qal li dan ma jistax jigi kkonfermat peress li l-linja koncernata hija *pre-paid* u mhijiex registrata. Ix-xhud esebixxa wkoll Dok Z.

Mistoqsi jekk huma jzommux il-*contents* tal-sms's li jigu mibghuta, ix-xhud wiegeb li ma jzommuhomx u fil-fatt anke l-*profiles* in kwistjoni bdew jigu mizmuma mit-2004 'l hawn. Qal li hu ma jafx li dawn il-messaggi jinzammu b'xi mod ghandhom. Qal li huma ghandhom *profiles* registrati maghhom mill-ewwel ta' Jannar 2004 lil hawn u wara certu zmien dawn jigu distrutti ghalkemm ma kienx jaf kemm hu z-zmien.

**I**lli nhar l-erbgha ta' Dicembru 2006 **rega' xehed Anthony Bonnici** (fol. 330) ghan-nom w in rappresentanza tac-Chairman tas-socjeta Go Mobile, fejn qal li b'referenza ghad-digriet tal-Qorti tat-tmintax ta' Settembru 2006 fejn gie ordnat lic-Chairman tas-socjeta tieghu sabiex jesebixxi jekk hu ghandu, l-messaggi registrati fuq il-*mobile numbers* hemm indikati, l-kontenut tal-messaggi ma humiex mizmuma. Tenna li din hija l-procedura generali tal-kumpanija. Zied jghid li hemm sitwazzjonijiet generali fejn il-klijent jista jattiva s-servizz minn fuq l-internet, dan jissejjah My Go Box u hemmhekk il-klijent jista jistorja bil-*password* tieghu l-*incoming* u l-*outgoing* sms's. Qal li f'dan il-kaz ma jirrizultalux li l-klijent attiva dan is-servizz. Qal li fil-prezent anke jinsabu f'sitwazzjoni fejn qed itajjru l-*profiles* ta' dawn il-messaggi u dan ghas-sena 2004.

Illi nhar l-erbgha ta' Dicembru 2006 **xehed Doctor Mario Scerri** (fol. 305) fejn esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. MS (fol. 307 et seq). Jirrizulta minn ezami ta' din ir-relazzjoni li huwa kien gie nominat mill-allura magistrate Dr Abigail Lofaro bhala espert medico legali sabiex janalizza il-fatti koncernati mar-rapport tal-pulizija esekuttiva u inghata ukoll il-fakulta' li jisma x-xhieda bil-gurament.

Minn qari akkurat ta' dan ir-rapport (fol. 325 et seq) jirrizulta s-segwenti:-

*1. "Ma kienx hemm sinjali ta' vjolenza fuq il-persuna ta Joslin Bartolo*

*2. Li Joslin Bartolo kienet inhaslet u haslet ukoll il-hwejjeg inkluz il-qalziet ta' that ghalhekk ma kienx hemm hwejjeg x'jigu elevati.*

*3. Kien hemm abbrazjoni riska fil-lithotomy position.*

*4. Illi ma kienx hemm evidenza ta trauma fil-vagina jew fis-cervix.*

*5. Illi ma kienx hemm lezjonijiet friski fuq il-persuna ta Keith Bartolo, Rhys Fiteni u Ronald Barbara.*

*6. Illi mill-ezami medikolegali jirrizulta illi ghalkemm seta kien hemm penetrazzjoni* ***certament*** *li Bartolo ma offrietx rezistenza ghal tali penetrazzjoni vaginali.*

*7. Illi ukoll jekk hemm pentrazzjoni anali ma kienx hemm evidenza ta' penetrazzjoi sforzata."*

Illi nhar l-hamsa ta' Jannar 2007 **xehdu PS 612 Theo Vella u PS 36 Sergio Azzopardi** (fol. 336) fejn esibew r-relazzjoni taghhom li giet immarkata bhala Dok. SOCO (fol. 338) flimkien ma tletin ritratt.

Illi nhar t-tlieta ta' Mejju 2007 **xehed Chris Farrugia** (fol. 362)nominat fl-atti ta' l-inkjesta bhala espert seologista fejn ipprezenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. MM (fol. 364). Ma' din ir-relazzjoni ix-xhud ipprezenta l-esebiti li gew mghoddija lilu li hu hadem fuqhom. **Qal li bhala konkluzjoni rrizulta li minn fuq il-*vaginal wall* nstab rizultat dghajjef ta' *acid phosphotate* li jista jindika l-presenza ta' semena. Qal li mill-analizi tal-kampjuni tal-*vaginal wall* u kampjuni ohra, ma kien hemm xejn jaqbel ma dawk ta' l-imputati**. Qal li l-esibiti tas-suspettati gew mghoddija lilu minn Dr. Mario Scerri. Qal li hu gie moghti ***cover* u kutra, li wkoll ezamina u wkoll taw rizultat negattiv ghall-presenza ta' *acid phosphate***.

Illi nhar is-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2008 **xehed Doctor David Cassar** (fol. 395) fejn qal li kien qed jixhed wara li l-Qorti ezentatu mis-sigriet professjonali tieghu fuq Joslin Bartolo. Qal li Joslin Bartolo marret taht il-kura tieghu l-ewwel darba, meta hija kellha sittax il-sena u li hi kellha storja ta' anzjeta u fissazzjonijiet. Qal li meta bdew jitrattawha ghall-kura, hi tjiebet ferm u tjiebet mill-ewwel u rrispondiet tajjeb ghall-kura u baqghet sejra tajjeb. Qal li wara l-allegat incident, Joslin Bartolo regghet ddeterjorat serjament u baqghet hazina tant li f'Novembru kellu jdahhalha l-isptar Mater Dei ghal gimghatejn. Spjega li l-ahhar li raha kien f'Jannar sahansitra anke ziedilha l-kura u kienet ferm dizabitata mill-kundizzjoni taghha. Mistoqsi jispjega kif ghandha din l-anzjeta kollha ix-xhud wiegeb li persuna minnha nnifisha kienet anzjuza. Qabel l-allegat reat kienet tbati minn anzjeta ghal erba' snin u fis-sena li raha qabel dan l-allegat reat, mill-ewwel kienet rrispondiet ghall-kura u li issa ma tistax tirrispondi u baqghet tiddeterjora u hu maghruf xjentifikament li meta persuna

tkun ghaddiet minn stress qawwi, dak l-i*stress* jibqa' jaffettwaha psikologikament.

Qal li barra minn hekk Joslin Bartolo kellha *post-traumatic disorder*. Hi kienet vulnerabbli minn qabel pero minhabba dan l-allegat incident, is-sitwazzjoni aggravat ruhha. Qal li qabel l-allegat incident hija kienet normali.

Illi nhar t-tlettax ta' Mejju 2009 xehed **l-imputat Rhys Fiteni** minn jeddu b'mod voluntarju (fol. 423) fejn qal li hu kellu tlieta w ghoxrin sena u jghix m'ommu minn dejjem anke meta gara dan il-kaz. Qal li jiftakar li kienu baghtu ghalih fl-ghassa tal-pulizija ta' Bormla u sussegwentement kien spicca d-depot fejn gie mitkellem mill-Ispettur Raymond Aquilina fil-presenza tal-Ispettur Anthony Cassar. Fftakar li l-pulizija kienu staqsewh jekk kienx iltaqa' ma Joslin Bartolo u kien ikkonferma li fil-fatt kien iltaqa' maghha u kien qallu dwar dak li kien gara. Qal li qabel dik l-okkazzjoni kien kellem lil Joslin Bartolo xi darbtejn.
Fftakar li dakinhar ta' l-incident in kwistjoni, huma kienu x-xatt, hu w iz-zewg imputati u din Joslin Bartolo bdew mexjin lejn il-Ponta ta' l-Isla, jitkellmu bejniethom . Qal li dak il-hin Joslin Bartolo kienet daret fuq Keith u qaltlu, '*avolja inti kuginuwi, xorta nigi mieghek'*. Qal li dakinhar, id-diskussjoni li kellhom bejniethom kienet bhal cajt u bdew jitkellmu bejniethom fuq is-sess. Zied jghid li dak il-hin Keith dar fuq Joslin Bartolo u qalilha li lanqas hu ma kien ser jiddejjaq u hi daret fuqhom u qaltilhom li tiflah ghalihom it-tlieta li kienu w huma, u bdew immeruha. Qal li sa dak il-hin li kien ghal habta tas-saghtejn jew it-tlieta ta' wara nofsinhar, kienu diga waslu kwazi fejn il-Ponta u regghu daru biex immorru lura u xi hadd staqsa fejn sejrin u hu qalilhom biex imorru l-post ta' nannuh peress li kellu cavetta u dak il-hin il-konversazzjoni kienet ghaddejja li hi kienet tiflah ghalihom t-tlieta u kien ghalhekk li hu ssuggerixxa li jmorru fil-post ta' nannuh.

Spjega li Joslin Bartolo bdiet tghidilhom kliem simili u cioe li tiflah ghalihom t-tlieta u li ma tiddejjaqx mill-kugin taghha u affarijiet bhal dawn waqt li baqghu mexjin. Qal li x'hin waslu fejn il-latrina, Keith waqaf jitkellem ma' tfajla ohra

jisimha Donna. Qal li bejn il-Ponta tal-Isla u fejn joqghod in-nannu, hemm kwazi tliet kwarti ta’ l-Isla. Stqarr li huma baqghu mexjin tul ix-xatt u marru fil-flat tan-nannu u fil-fatt xi hadd minnhom qal li kien ahjar li jitilghu fuq f’kaz li jigi n-nannu u hi bdiet tinza’ u titbewwes ma Keith filwaqt li hu u Ronald bdew immissuha u ftiehmu li jmorru maghha wiehed, wiehed u nizlu isfel ghaliex ma deherilhomx li kienet haga sew, li jmorru t-tlieta li kienu f’daqqa maghha.

Qal li hu u Ronald nizlu isfel u hallew lil Keith fuq maghha u li ghal ewwel bdew jittawwlu w imbghad nizlu isfel. Qal li meta Keith lesta minn maghha, tela’ hu u meta beda jkollu x’jaqsam maghha, ma setax ikollu erezzjoni w ghalhekk Joslin qabdet il-parti tieghu u poggietu go halqha u bdiet taghmel oral sex pero xorta ma setax jkollu erezzjoni u nizel isfel. Qal li warajh tela’ u mar maghha Ronald u x’hin lesta Ronald, hu telaq u qalilha biex tilbes u dan ghaliex hass li ma setax ikolli erezzjoni. Qal li hi staqsietu jekk kellux xi problema fis-sens jekk ma kienx qed ikollu erezzjoni minhabba fiha, u hu rrispondiha li ma setghax ikollu erezzjoni. Qal li dak l-hin, Ronald kien telaq.

Sussegwentement kompla jghid x-xhud, hi giet f’hafna hlewwa u rega’ mar maghha u hu hassha normali fis-sens li bdiet tghannqu u din id-darba rnexxielu jkollu x’jaqsam maghha u kif lesta, qalilha biex tilbes u ser jerga jinzel ix-xatt u jekk kinitx sejra maghhom u hi rrispondtu li le. Qal li wara qalilha biex tigbed il-bieb warajha u li kien ser jitlaq. Qal li dan il-post fil-fatt fuq ghandu gallerija ghat-triq li hija wiesgha xi hames piedi, kemm tghaddi karozza. Qal li l-post jikkonsisti f’zewg kmamar, wahda fuq l-ohra.

Wara, kompla jghid x-xhud, marru x-xatt, poggew madwar mejda u kienu hafna nies u filghaxija dahlu lura d-dar. Qal li l-ghada ghall-habta ta’ nofsinhar kienu marru il-pulizija fuqu u hu qalilhom l-istess haga li xehed. Cahad li mar maghha kontra l-kunsens taghha anzi qal li mar maghha ghaliex hi riedet, ghax kieku ma kienx imur zgur. Qal li minn dakinhar qatt ma rega’ raha. Qal li fil-fatt, waqt li kienu hemm hekk, bdew jidhqu u jghidu li veru felhet ghalihom t-tlieta.

Qal li jiftakar x'kien qal fl-i*statement* u kkonfermah u stqarr li dik hija l-verita u jibqa' jghid l-istess li kien qal dakinhar. Ftakar li l-ghada kien irrilaxxja stqarrija ohra sabiex jikkjarifika certu partijiet fl-istqarrija precedenti w ikkonfermaha fl-intier taghha u li l-verita hija dik li qal fit-tieni stqarrija, fis-sens li kkjarifika dak li qal fl-ewwel stqarrija. Qal li qabel ma mar maghha dakinhar, kien ha xi erbgha birra u li ma kienx fis-sakra imma *happy*. Qal li kienet Joslin Bartolo li kienet sfidathom. Mistoqsi jekk qalx dan fl-istqarrija, wiegeb li kien qalu dan fl-istqarrija fejn qal li hi qalet '*ejja mmorru t-tlieta'* w ghalhekk hi kienet stednithom. Qal li ma kienx jaf li din Joslin Bartolo tbati minn marda ta' anzjeta'. Mistoqsi jekk kienx jaf li ma kellhiex tmintax il-sena, wiegeb li hekk kienet qalet hi, li kellha tmintax. Qal li dak iz-zmien hu darbtejn kien kellimha.

Ikkonferma li kienu tlieta f'daqqa fil-bidu pero' cahad dak li gie allegat li f' xi hin qaltilhom li ma rieditx li jkollha x'taqsam maghhom. Ikkonferma li fl-istqarrija ma kienx qal li ghall-ewwel ma kellux erezzjoni pero huwa minnu li hekk gara. Qal li dakinhar kienet l-ewwel darba li nghata l-opportunita biex jixhed.

Illi nhar t-tlettax ta' Mejju 2009 xehdet **Charmaine Delia** (fol. 427) fejn qalet li hi tigi l-kugina ta' Joslin Bartolo u tafha minn dejjem. Qalet li hi ghandha tifla u dakinhar, li kien il-Hadd, kienet sejra tara lit-tifla u zijitha, li tigi omm Joslin Bartolo, talbitha tohodhielha biex taraha u wara nofsinhar marret ghand zijitha u Joslin Bartolo ma kinitx hemm. Qalet li kienet staqsiet ghaliha u zijitha qaltilha li kienet nizlet ix-Xatt u li kienet kollha nkwiet u qaltilha wkoll li kienet harget mal-Gojgoj u ma marritx lura filghodu izda rritornat f'nofsinhar ghaliex kienet raqdet ma dan il-Gojgoj li wassalha ghand ommha u li riedet tinzel mieghu ix-xatt, pero ried jinzel wahdu.

Qalet li zijitha qaltilha li Joslin Bartolo kienet nizlet ix-xatt biex tara x'kien qed jaghmel dan il-Gojgoj. Mistoqsija fuq x'hiex kienet tlewmet mal-Gojgoj wiegbet li ma kienetx taf. Skond zijitha, Joslin riedet tinzel mieghu ix-xatt u hu ma riedx jinzel maghha ghaliex ried jinzel wahdu. Qalet li l-

Gogjog ghandu xi tmienja u tletin jew disgha w tletin sesna, jekk mhux iktar, hafna ikbar minnha pero. Qalet li Joslin Bartolo kienet ilha mieghu madwar sena.

Qalet li waqt li kienet hemmhekk, kien hemm xi kugini ohrajn, u ghal habta tal-hamsa ta’ wara nofsinhar, dahlet Joslin Bartolo u dehret normali u x’hin ratha, nhasdet u biddlet l-attitudni. Qalet li Joslin kienet *close* maghha u staqsitha x’kien gralha u qaltilha li ma kien gralha xejn. Qaltilha ‘ghax il-Gojgoj’, baqghet diehla, hadet tazza, fethet il-fridge u , qaltilha ‘*Jo, inti ghadek zghira, l-Gojgoj hafna ikbar minnek’*. Qalet li anke l-ohrajn li kienu hemm hekk, kulhadd beda jghidilha l-istess, pero hi xorbot tazza halib u bdiet tparla. Qalet li wara ftit marret tittawwal mit-tieqa u qalet li ma tridux iktar lill-Gojgoj u affarijiet bhal dawn u dehret irrabjata, dejjem ghal dan il-Gojgoj. Qalet li Joslin bdiet tghid li l-Gojgoj beda jitkellem ma xi wahda tfajla li ghandha wkoll tifla u hi dak il-hin harset lejn l-arlogg, kienu l-hamsa w kwart ta’ filghaxija u daret fuq zijitha u qaltilha *‘ha niehu lit-tifla lura’*. Qalet li Joslin qalet ukoll diskors li kienet lesta li tpattieha lil dan il-Gojgoj u li kienet ser tmur Pot Jump li huwa pub fl-Isla.

Ix-xhud kompliet tghid li dakinhar hi mbaghad wasslet lit-tifla u marret lura d-dar. Spjegat li dak iz-zmien hi kienet tohrog ma Rhys Fiteni w iltaqghet mieghu fit-triq u l-ghada ghall-habta tas-siegha w nofs jew s-saghtejn ta’ wara nofsinhar kienet ghand Rhys u dahlilha messagg u kien hemm numru gdid f’dan il-messagg u kien hemm messagg fejn qalet li hi min kienet qed tibghat il-messagg, kienet Graziella li tigi oht Joslin Bartolo u talbitha tmur id-dar ghax riedu jkellmuha. Qalet li dak il-hin, hi daret fuq Rhys Fiteni, u qaltlu ‘*ha mmur ftit id-dar halli nara xi jridu’* u qaltlu ‘*nispera li Joslin m’ghamlitx xi wahda minn taghha minhabba il-Gojgoj’*. Ziedet tghid li sa fejn taf hi, Rhys darba ltaqa’ ma Joslin u t-tieni darba, dakinhar tax-xatt.

Stqarret li meta waslet ghand zijitha, rat lil ħuha l-kbir hiereg minn god-dar u rat lil Joslin fuq bank b’rasha baxxuta u lil zijitha hierga mill-kamra u staqsietha x’gara, u Graziella qaltilha biex tidhol u hi staqsietha x’kien gara. Ghax hasbet li gara xi haga lil Joslin ghaliex darba

minnhom il-Gojgoj qalilha '*daqshekk*' u Joslin kienet belghet il-kalmanti kollha t'ommha. Qalet li poggiet bilqieghda. Qalet li l-fatt li din Joslin kienet belghet il-kalmanti kollha, hi ma kienetx qaltlu lil Rhys, ghax dawk huma affarijiet tal-familja u lilha kienu jghidulha b'kollox u kienu qishom ahwa. Ziedet tghid li Graziella qaltilha li kienu rrepjaw lil Joslin u kienu Rhys, il-Boxer u Keith li kienu ghamlu hekk.

Qalet li hi nhasdet dak il-hin ghax Rhys kien l-gharus taghha filwaqt li ħuha kien Keith, l-imputat. Qalet li staqsiet lil Joslin fi x'hin kien gara hekk w hi rrispondietha li kien l-jum ta' qabel, f'xi hin ix-xatt wara nofsinhar. Qalet li dak il-hin qaltilha li l-jum ta' qabel kienet hemm, meta waslet lura d-dar hi u jekk kienx gara hekk diga dak l-hin, u Joslin baxxiet rasha u harset lejha u qaltilha li iva. Ix-xhud kompliet tghid li lil Joslin qaltilha '*tiehux ghalik imma ma kontx irrepjata ghax inti dhalt normali u tixrob il-halib'* u dak il-hin qabzet Graziella u qaltilha '*tirragunax hekk'* u hi rrisponditha '*mhux ma nirragunax hekk, ghax fuq kelma meta il-Gojgoj qalilha daqshekk, ohtok fethet il-bank u belghet il-kalmanti kollha. Taf x'inti tghid li jirrepjawk tlieta min-nies?'* Ix-xhud kompliet tghid li Joslin, minn haga zghira ggibha kbira ghax tghaggibhom, ghax per ezempju, darba qatghet xaghrha bob, staqsietha ghalfejn qatghetu bob u li ma kienx jixirqilha u dak il-hin ppanikkjat u bdiet tibki u hi qaltilha '*ghax ghidtlek hekk, hemm bzonn tibki'*.
Qalet li hi, wara dan l-allegat incident lil Joslin ratha normali fis-sens li riedet tpattieha lill-Gojgoj. Qalet li marki ma rathilhiex lil Joslin u meta staqsietha biex tara idejha, ma rat xejn. Qalet li staqsietha wkoll ghaliex marret hemmhekk, peress li hemm triq twila mix-xatt ghal dan il-post u Joslin qalet li kienu gibduha biex marret hemmhekk. Qalet li Joslin qaltilha wkoll li kienu sejrin l-ghassa u hi rrispondietha li li kieku veru rrepjawha, kif qed tghid hi, avolja dan ma kienx jidher li kien minnu, taghmel kif thoss.

Ix-xhud qalet li minn dakinhar 'l hawn ma baqghux jitkellmu, talli ghamlet. Qalet li meta saret taf li Rhys veru mar maghha, ghamlet xahar ma tkellmux u li r-relazzjoni taghha ma Rhys spiccat illum, mhux minhabba dan l-

incident, izda minhabba ragunijiet ohra. Qalet li kienet hadet xokk meta kugintha qaltilha li marret ma Rhys u beda jaqghalha xagharha. Qalet li hmistax wara dan l-incident, Joslin Bartolo kienet *party* u ma tahsibx li kienet ghadha xxukkjata b'dan l-incident u li hi mhux tbati minn dipression, pero tippanikkja hafna. Qalet li ma kienetx taf li Joslin Bartolo kienet rikoverata Monte Carmeli, ghalkemm huma kienu jghidulha kollox pero din ma kienitx tafha. Qalet li Joslin lilha kienet qaltilha li Keith kien qabadha lambranzetta u tellghha t-telgha waqt li kienu fit-triq u li kienu gibduha meta kienu gol-post, gibduha t-tarag u waqt li kienu fil-post bdew jaghtuha 'l hemm u 'l hawn. Qalet li dak inhar kien hemm hafna nies fit-triq ghax kienet shana kbira.

Illi nhar t-tlettax ta' Mejju 2009 xehdet **Donna Pace** (fol. 431) fejn qalet li hi ghandha sbatax il-sena. Mistoqsija mill-Qorti jekk nafx x'inhu gurament wiegbet li taf. Mistoqsija jekk lill-imputati tafhom ix-xatt, wiegbet li huma hbieb taghha pero ma tigix minnhom. Qalet li lil Joslin Bartolo tafha ghax hija sekonda kugina taghha. Qalet li dakinhar kienu x-xatt u Keith u Rhys qalu biex imorru passiggata u hadd ma kellu aptit imur mixja u qabzet Joslin Bartolo u qaltilhom '*ha nigi maghkom'* u telqu Keith u Rhys u hi, pero fejn marru ma kienitx taf, taf li marru fid-direzzjoni kontra. Qalet li wara rathom gejjin u kien hemm Ronald maghhom ukoll u hi staqsithom fejn kienu sejrin u Joslin Bartolo qaltilha '*ma tistax tigi maghna'* u baqghu mexjin jidhqu.

Qalet li dak il-hin peress li ghaddew minn hdejha, qalet bejnha u bejn ruhha, '*fejn sejra*?' biex qaltilha li ma setghetx tmur maghhom. Mistoqsija jekk Joslin Bartolo kellhiex xi haga partikolari fil-mixja taghha, wiegbet li ma kellhiex, kienet miexja normali, tidhaq. Mistoqsija kif tiftakar dan l-incident partikolari wiegbet l'ghaliex kif setgha kien li gara hekk meta hi kienet maghha u meta semghet l-istorja u rat li kollox kien normali. Qalet li hi semghet l-istorja minghand in-nies ghax minghandha ma semghet xejn, qatt.

Illi nhar it-13 t'April, 2010 xhed l-imputat **Ronald Barbara** (a fol. 442 sa 445) fejn iddikjara li hu ghandu erbgha w ghoxrin (24) sena u l-kaz kien sehh erba' (4) snin qabel, cioe' meta kien ghad kellu ghoxrin (20) sena. Ftakar li dakinhar tal-incident hu kellu l-karozza bil-hsara w ghalhekk kien mar ghalih certu Mark u wasslu x-xatt tal-Isla fejn iltaqa' ma' l-akkuzat Keith Bartolo. Jghid li dakinhar ma' Keith kien hemm ukoll kugintu Joslin Bartolo, w it-tlieta li huma ftehmu li jimxu sal-Ponta ta' l-Isla. Jghid li lil Joslin kien ilu jafha ftit xhur tramite Keith, pero' kienu saru hbieb tant li kienu jibaghtu messaggi lil xulxin. Kompla li huma w sejrin il-Ponta ltaqghu mal-ko-akkuzat l-iehor Rhys Fiteni w baqghu sejrin ilkoll flimkien. Ix-xhud jghid li Rhys Fiteni kien jafha lil Joslin. Kompla li meta kienu kwazi waslu l-Ponta, fejn kien hemm xi statwa, Rhys dar fuq Joslin u stedinha jmorru l-post tieghu. Jghid li billi hi fehmet x'kienet l-intenzjoni ta' Rhys, cioe' dik li jkollhom x'jaqsmu maghha, ghall-ewwel ma rieditx, pero' mbaghd cediet, basta ma jparlaw ma' hadd. Ix-xhud jghid li huma ma sfurzawhiex. Zied li fil-passat kienet hi stess li lilu kienet baghtitlu messagg biex tistiednu jkollu x'jaqsam maghha, u li hu kien irrifjuta.

Spjega li minn fejn kienu ghall-post ta' Rhys kien hemm mixja ta' xi ghaxar minuti. Jghid ukoll li dan il-post fil-fatt hu ta' xi hadd jigi minn Rhys, u li dan kellu c-cavetta tieghu, u li l-post imiss ma' proprjeta' ta' terzi w ghandu faccata. Fil-hin li marru huma fil-post ma kien hemm hadd.

Ftiehmu li l-ewwel wiehed li kellu x'jaqsam maghha kellu jkun Keith, imbaghad meta dan lesta, nizel u telaq 'il barra, w tela' Rhys, pero' dan ma setax ikollu erezzjoni w nizel lura, w allura tela' hu (x-xhud). Jghid li x'hin tela' hdejha, Joslin ma kienet liebsa xejn, anzi zied li din kienet ga nezghet fil-bidu nett. Spjega li fil-kamra kien hemm saqqu mal-art u li Joslin riedet li jkollhom x'jaqsmu minn wara w li kellhom ukoll oral sex. Insista li tul il-hin kollu li kien maghha, Joslin qatt ma waqqfitu anzi wriet li kienet qed tiehu pjacir. Jiftakar li Joslin kienet qaltilhom li kienet iggieldet mal-gharus taghha, wara li kienet raqdet mieghu il-lejl ta' qabel, ghalkemm ma qaltilhomx fejn. Jghid li l-

gharus ta’ Joslin dakinhar kellu tlieta w tletin (33) sena, w kellu zewgt itfal.

In kontro-ezami Ronald Barbara qal li l-messaggi li Joslin kienet baghtitlu biex thajru jmur maghha, kienet baghtithomlu ftit qabel l-incident. Zied li hu kien hassarhom pero’ kien talab lill-kumpanija tal-mobile biex tipprova ssibhom. Jghid li lil Joslin kien jafha ghax kienet tkun ma’ Keith, u li ghalkemm kienu jiccajtaw hafna bejniethom, hi qatt ma kienet qaltlu li kellha xi problemi mentali w li kienet tmur ghall-kura l-isptar Monte Carmeli. Cahad li f’xi hin zammewha t-tlieta f’daqqa w li fl-akwati li ghaddew minnhom kien hemm hafna nies.

Jghid li ghalkemm Keith zammha lambranzetta, ma kienx qed jigbidha w li kienu riedet setghet titlaq, izda hi fl-ebda hin ma ppruvat taghmel dan. Cahad dak li qalet Joslin li huma wzaw xi forza maghha jew li girfithom biex timbuttahom. Jghid li meta kienu fi triqithom lejn il-post, kien hemm in-nies, pero’ hi fl-ebda hin m’attiratilhom l-attenzjoni biex jghinuha.

Nhar it-23 ta’ Novembru, 2010 xehed l-imputat **Keith Bartolo** li beda billi qal li meta sehh l-incident in kwistjoni hu kellu dsatax (19)-il sena. Ftakar li dakinhar ta’ l-incident kien ix-Xatt ta’ l-Isla bilqieghda fuq ic-cint. Mieghu kien hemm hutu w xi hbieb ohra. Kien ser jitlaq ‘l hemm u Joslin telqet mieghu. Spjega li Joslin hija kugina tieghu. Bdew mexjin u appena waslu fejn il-gabbana, ltaqghu ma’ l-imputat Rhys Fiteni. Dan staqsieh fejn kien sejjer u hu wiegbu li kien sejjer passiggata sal-Ponta w dan mar maghhom. Huma w mexjin iltqghu ukoll ma’ Ronald u dan mar maghhom ukoll. Fil-fatt jghid li mxew biss ghal xi ghaxar (10) minuti. Joslin qaltilhom li kienet marret Paceville u li damet u li dak inhar stess filghodu kellha x’taqsam mal-gharus taghha xi tliet darbiet. Qaltilhom ukoll li mbaghad kellhom xi jghidu u qalilha li x-xatt mieghu ma tinzilx. Jghid li f’daqqa wahda qaltilhom li ma taqtax qalbha minn tlieta w appena waslu hdejn l-istatwa tal-Madonna ddecidew li jduru ghal post li kellu Rhys. Ix-xhud jghid li meta waslu fejn ix-Xatt hu qalilha li ahjar imorru lejn il-Ponta, pero’ hi rrifjutat. Ftit wara ltaqghu ma’

Donna w Valerie u dawn riedu jmorru maghhom, izda Joslin qaltilhom le ghax daqt kienu sejrin lura. Jghid li kif waslu fil-post Joslin telghet fuq u bdiet tinza. Kien hemm saqqu w poggiet fuqu. Jghid li hu kien ghadu liebes u li Joslin qaltlu biex inehhi l-qalziet minn fuqu w ziedet tghidlu li kien qisu mejjet, u shabu daru fuqu w qalulu biex jibda hu w huma nizlu isfel. Hu jghid li meta lesta minn maghha, nizel u mar ix-Xatt. Jghid ukoll li kellu x'jaqsam maghha fuq dan is-saqqu ghax riedet hi. Imbaghad mar ix-Xatt u halla lil shabu warajh. Xi hin wara shabu marru hdejh u bdew jitkellmu fuq affarijiet ohrajn. X'gara bejniethom ma tkellimniex u Joslin kienet qaltilhom biex ma jitkellmu xejn minhabba n-nies. Ix-xhud ikompli li dakinhar filghaxija kien rega' ltaqa' maghha waqt li kien sejjer il-hanut tal-Gunners, u hi sellmitlu w hu sellmilha lura.

Skond hu s-sitwazzjoni ta' bejniethom kienet normali. Cahad li kien jaf li kugintu kienet qeghda taht kura medika, w li dan sar jafu biss meta kienu baghtu ghalih il-pulizija, w kienet marret oht Joslin id-dar tieghu, u qaltlu li jekk lil Joslin izidulha l-kalmanti hazin kien ikun ghalih. Jistqarr li lill-pulizija, meta kellmuh, kien qalilhom li sar jaf li hija taht kura medika dakinhar, meta qaltlu ohtha. Cahad dak li gie allegat lilu li kien jaf li kienet l-isptar Monte Carmeli w li kien mar jaraha. Jghid ukoll li dakinhar tal-incident Joslin diga' kellha 18-il sena. Cahad l-allegazzjoni tal-pulizija li huma zammewha, anzi jghid li kienet hi li qabdet lambranzetta mieghu. Jghid li mhux minnu lanqas li hu kiena spjega lill-pulizija li kien hu li nezzaghha, w sostna li hu ma nehhelhiex hwejjeg minn fuqha, izda kienet hi li nezghet. Insista li lilu qaltlu biex jiccaqlaq minn hemm ghax qisu mejjet, pero' ma ftakarx jekk dawn il-kiem qalhomx lill-pulizija fl-istqarrija. Cahad ukoll li kellhom x'jaqsmu maghha t-tlieta f'daqqa, izda wiehed wara l-iehor.

Jikkonferma li hu kellu x'jaqsam maghha waqt li l-ohrajn kienu isfel, u li kellu x'jaqsam maghha ghax riedet hi. Mhux minnu lanqas li shabu kienu hdejh meta kellu x'jaqsam maghha, izda kienu isfel. Jammetti li nesa min kien l-ufficjal li hadlu l-istqarrija, pero' jiftakar li l-istqarrija

bdiet fil-11.00pm u spiccat f'nofs il-lejl. Isostni li fil-fatt lanqas kopja ta' l-istqarrija ma kien tah ghax kienu spiccawlu l-karti w izid li dawn il-kliem qalhomlu l-Ispettur Aquilina. Kompla li ghalkemm l-ghada kien ghadu arrestat, xorta ma tahx kopja. Zied li sa fejn jaf hu stqarrija wahda ghamel.

Ix-xhud jghid li ma kellux ghalfejn jghid li zbalja ghaliex lilha m'ghamlulha xejn. Stqarr li dik kienet l-ewwel darba li kellu x'jaqsam maghha w li hi qatt ma qaltilhom li ma riditx li jkollha x'taqsam maghhom. Hadd ma zammha milli tiltaq. Ma telqitx ghax ma riditx. Jghid li hu hassu normali wara li kien mar maghha ghax ma hass li ghamel xejn hazin. Sostna li kienet hi li ssuggeriet li ma jitkellmux man-nies dwar dak li kien gara. Temm billi qal li dakinhar wara li kellhom x'jaqsmu maghha kienu marru jixorbu xi ftit.

Rat li fis-seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010 xehed l-**Ispettur Anzjan Anthony Cassar** li b'referenza ghad-Dokument R3 u dokumenti ohra sussegwenti ddikjara li minn dawn ir-ritratti hu ma jaghraf xejn ghaliex hu mhux stazzjonat l-ghassa ta' Bormla w l-inhawi mhux familjari maghhom. Lanqas ma seta' jikkonferma li Joslin kienet toqghod f'Misrah l-4 ta' Settembru, jaf biss li meta kien baghat ghaliha kienet tatu dak l-indirizz.

Illi nhar is-6 ta' Gunju, 2011 xehed **il-Perit David Vassallo** (a fol. 480 net seq.) li kien gie nominat mill-Qorti biex jaccedi fuq il-post indikat fil-pjanti esebiti a fol 462 et seq. u ddikjara jekk dak konstatat f'dawn id-dokumenti hux minnu jew le. Huwa esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. DV. Jghid li huwa ghamel l-ispezzjoni fit-23 ta' Marzu, u kienu mxew fir-rotta ndikata fid-Dokument R9 a fol. 490 u ha l-kejl ta' kull sketch partikolari. Esebixxa wkoll pjanta li tindika l-kejl in kwistjoni.

Rat ir-rapport tal-Perit David Vassallo esebit fl-atti a fol. 482 sa 484. fejn fil-konkluzjonijiet tieghu jghid:

*"1. Is-site plan immarkata bhala dokument R 9 fl-atti tal-kawza hija fil-fatt wahda li turi l-lok in kwistjoni fl-imsemmija kawza fil-lokalita' ta' l-Isla; u*

*2. Il-vlegeg murija fl-istess dokument R9 jirriflettu d-distanzi bejn il-proprjetajiet imsemmija, bid-distanzi jkunu kif imkejla minnu w kif spjegati hawn fuq u murija fil-pjanta mhejjija minni u annessa ma' dan ir-rapport bhala Appendici C."*

Ikkunsidrat ulterjorment:

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet ta' kif sehhet il-grajja, dik proposta mill-allegata vittmali fi ftit kliem tghid li kienet abbuzata u stuprata kontra r-rieda taghha u dik proposta mill-imputati li qalu li l-allegata vittma riedet li jkollha x'taqsam maghhom it-tlieta b'mod volontarju.

Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhix mis-sewwa jew hix kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-**artikolu 637 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjuza ghal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ghexet il-process tul medda ta'zmien u ghalhekk hija f'posizzjoni, wara li semghet ix-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li kienet hi stess li kkonstatat x'interess setgha kellu xi xhud f'data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero huwa veru ukoll kif gie deciz mill-Qorti tal-

Appell Kriminali fid-dsatax ta’ Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*“It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.”*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif ighid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*“Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit”.*

Il-Prosekuzzjoni ressqet lill-allegata vittma tixhed u tispjega f’aktar dettal ir-rapport li kienet ghamlet fil-konfront tal-imputati lill-pulizija esekuttiva u l-imputati ghalkemm mhumiex obbligati li jixhdu iddecidew li jixhdu u jikkonermaw l-istqarrijiet li huma kienu irrilaxxjaw a tempo vergine tal-investigazzjoni. Jinghad f’dan l-istadju li l-imputati mhumiex tenuti li jressqu l-ebda prova sabiex jipprovaw l-innocenza taghhom izda hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal grad li trid il-ligi u cioe *beyond reasonable doubt.*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe’ oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija v Philip Zammit et’** u tghid pero’ mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li ‘*dubbju jkun dak dettat mir-raguni*.’

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt*.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa importanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi indizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader'** hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen*' [1952] AC 480, 489***.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif wkoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Qorti pero thoss li fic-cirkostanzi ghandha tara jekk l-fatti specie tal-kaz jammontawx ghar-reat addebitat lil imputati.

Illi skond l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar il-15 ta' april 2009 l-Avukat Generali ghogbu jakkuza lill-imputati bir-reati ta' stupru vjolent u arrest u detenzjoni illegali fuq il-persuna ta' Joslin Barolo bl-aggravju li tali sekwestru sar sabiex igieghlu lil Joslin Bartolo tghamel xi haga li toffendi il-misthija tas-sess ta' dik il-persuna.

Ikkunsidrat ulterjoment.
L-imputati ghalhekk jinsabu akkuzati bir-reat ta' stupru vjolenti kif koncepit fl-**artikolu 198 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan r-reat ta' stupru bil-vjolenza, u dan bhala kull delitt iehor, fih zewg elementi essenzjali, cioe l-element materjali u l-element intenzjonali, jigifieri fih dawn iz-zewg elementi li jridu jkunu jesiztu flimkien u fl-istess hin waqt li l-imputati allegatament kkommettew ir-reat, ghaliex jekk ma jirrizultax element wiehed minnhom, allura ma hemmx r-reat.

Xi jfisser jew x'inhu stupru?

Bhala definizzjoni generali tieghu, l-istupru huwa *rape* u jikkonsisti essenzjalment fil-kongungiment karnali, cioe fil-ghaqda ta' gisem ma gisem iehor. Stupru ghalhekk jfisser li jrid ikun hemm relazzjoni sesswali, irid ikun hemm l-introduzzjoni jew penetrazzjoni ta' l-organu genitali ta' persuna fl-organu genitali ta' persuna ohra. Dan il-kongungiment karnali jew introduzzjoni tal-organu genitali ta' persuna f'ta' persuna ohra, ma hemmx ghalfejn ikun komplut ghal kollox jew kkonsmat. Il-penetrazzjoni ta' organu genitali f'iehor ma hemmx ghalfejn tkun shiha ghal kollox. Huwa bizzejjed, skond l-ligi, jekk ikun hemm biss anke parti minn din il-penetrazzjoni, xorta f'dak il-kaz d-delitt huwa komplut, mill-aspett tal-element materjali. Il-qtugh tal-*hymen* u emissjoni ta' *semen* mhux elementi kostituttivi ta' dan ir-reat.

It-tieni element essenzjali f'dan ir-reat huwa dak intenzjonali u dan irid jissusisti ndipendentement jekk offrietx resiztenza jew le. Jigifieri li mhux bizzejjed li l-vittma ma jkollhiex il-volonta, imma irid ikun hemm r-rezistenza taghha ghal dak l-att ta' stupru. Naturalment wiehed irid jara din r-rezistenza u x'setghet kienet minn ezami tac-cirkostanzi partikolari f'kull kaz fejn hu allegat li sar dan d-delitt. Ghalhekk f'kazijiet normali ta' stupru fejn l-vittma mhiex persuna minorenni sabiex tigi konsidrata x'tip ta' resistenza setghet toffri l-vittma wiehed irid jikkonsidra certi cirkostanzi bhal per ezempju l-eta' tal-vittma, l-istat fiziku taghha u affarijiet simili ohra.

Illi minn ezami ta' dan l-artikolu isegwi li l-Prosekuzzjoni trid tipprova zewg elementi (flimkien) u cioe;

a. l-att sesswali;
b. maghmul kontra l-volunta tal-vittma bi vjolenza.

Skond l-**Professur Mamo fin-Noti** tieghu ***The Criminal Law,*** jghid li l-vjolenza huwa l-element karatteristiku tar-

reat ta' stupru u fil-fatt huwa l-element baziku w intrinsiku ta' dan r-reat.

**Maino**, il-gurista Taljan, fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale - Vol 3 - pagni 178 u 179*** jghid:

*"L indagine caratteristico del delitto si riduce a questo, di determinare se la congiunzione carnale sia avvenuto contro la volonta della vittima, e nonostante quella che secondo le sue forze fisiche e la sua energia morale ha potuto fare. Tutto il resto si riduce ad un apprezzamento della circostanze del fatti che rientra nelle nozioni piu ovvie della vita."*

Illi fir-rigward din l-akkuza din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti. Dik esposta mill-vitma li tghid li giet imgieghla tmur ma l-imputati u ikollha x'taqsam maghhom kontra l-volonta' taghhom u dik esposta mill-imputati li kienet l-allegata vittma stess Joslin Bartolo li stiednithom imorru maghha. Illi ghalhekk il-Qorti trid taghti wens lix-xhieda indipendenti li xehdu sabiex tara jekk jikkorroborawx dak li qalet il-vittma minn naha jew addirittura jekk jikkontradicu dak li qed issotnu l-imputati.

L-imputati ilkoll irrilaxxjaw stqarrija tempo vergine tal-investigazzjoni u spjegaw dak li effettivament kien gara dak in-nhar tad-9 ta' April 2006 fl-ekwati tal-Isla . Jghidu li huma kienu mixjin sejrin lejn l-Ponta ta l-Isla meta iltaqghu ma Josliln u din bdiet ticcajta maghhom u bdew jitkelmu b'sens hazin huma u mixjin u f'hin minnhom qaltilhom li huma ma ilehqux maghha fis-sess u li hi tiflah ghalihom it-tlieta flimkien. Ghalhekk huma haduha bhala sfida u marru ilkoll flimkien fil-fond proprjeta tan-nannu ta' l-imputat Rhys Fiteni li inzerta huwa ukoll il-kugin ta' Joslin Bartolo. Joslin Bartolo tghid li Rhys Fiteni zammha labranzetta huma u mixjin u mill-provi prodotti jirrizulta li huma u sejrin lejn il-flat iltaqghu ma xi habiba taghha Donna Pace, u meta staqsietha fejn keinu sejrin kienet pronta li twegibha li fejn kienu serjin ma setghetx tmur. Meta Donna Pace giet mistoqsija mill-Qorti jekk hux minnu li Bartolo kienet mizmuma lambranzetta tghid li

verament hekk kienet pero b'mod laxk fis-sens li setghet titlaq facilment kieku riedet. Dan huwa ukoll ikkonfermat mill-imputati. L-imputati jghidu li dakinahr f l-Isla kien hemm hafna nies ix-Xatt u dan huwa kkonfermat anke mix-xhieda li resqu li dakinhar l-Isla minn fejn ghaddew huma kien hemm hafna nies u fl-ebda hin ma Joslin attirat l-attensjoni ta' xi hadd li hija kienet sekwestrata jew li kienet qed tigi akkompanjata ghal xi post fejn ma xtaqitx tmur. Jghidu ukoll li fil-flat ma hemmx dawl u li ghalhekk hallew it-tieqa imbexxqa sabiex ikollhom id-dawl .

Joslin Barolo minn naha l-ohra tghid li fit-triq ma kien hemm hadd, li Rhys Fireni zammha b'mod iebes li ma setghetx titlaq'l hemm. Tichad li fil-fatt kien hemm xi diskors fis-sens li kienet hi li induciethom sabiex imorru maghha.

Jirrizulta pero minn dak li xehdet ix-xhud xehdet **Charmaine Delia** (fol. 427) l-kugina ta' Joslin Bartolo li dakinhar tal-Hadd hija marret ghand zijtha omm Joslin Bartolo u din qaltilha kemm kienet qed tinkwieta Joslin u li lejliet kienet harget ma' l-gharus taghha il Gojgoj u ma irritornatx lura qabel nofsinhar ta' l-ghada ghaliex kienet raqdet ma' dan il-Gojgoj. Tghid ukoll li iz-zija qaltilha li Joslin riedet tinzel sax-Xatt mieghu u dan ma riedx u ghalhekk kienet irrabjata hafna dwar dan u zijtha qaltilha li kienet nizlet ix-Xatt tfittxu.Qalet ukoll li dan l-gharus huwa hafna akbar minnha u kienet ilha tohrog mieghu ghal perjodu ta' sena. Qalet li waqt li kienet hemmhekk, fid-daqqa u l-hin ghall-habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar, dahlet Joslin Bartolo u dehret normali u x'hin ratha, nhasdet u hi ratha differenti. Qalet li Joslin kienet *close* maghha u staqsitha x'kien gralha u qaltilha li ma kien gralha xejn salv li bdiet tgerger fuq l-gharus taghha u li xorbot tazza halib u bdiet tparla fin-negattiv dwaru.

Illi ghalhekk minn din ix-xhieda jirrizulta li ghalkemm l-allegata vitma tipprova taghti impressjoni li hija tfajla innocenti, genwina u twajba fil-fatt minn dak li qalet kuginietha stess kienet mara ta' esperjenza fejn jidhlu l-irgiel. Fil-fatt Bartolo stess meta mistoqsija jekk kellhiex x' taqsam ma' Gorgoj tghid li kellha dakinhar stess aktar

kmieni fil-ghodu. Dan jista jkun minnu ghaliex is-serologista ikkonferma li kien hemm presenza ta' semen fl-esebti li ezamina u li ma kienx jaqbel ma dak tal-imputati' Dan il-fatt jindika li it-tfajla kienet taf xi tfisser relazzjoni sesswali qabel ma marret ma l-imputati u ghalhekk huwa indikattiv li l-imputati mhux minnu li abbuzaw minnha sesswalment.

Huwa ta' importanza f'dan il-kaz ukoll ir-relazzjoni tal-espert medico legali Dr Mario Scerri li ighid li minn ezami li ghamel fuq l-persuna ta' Joslin Bartolo ma jidhirx li kien hemm xi lezjonijiet friskji li jindikaw li sehh xi strupru vjolenti jew li kien hemm xi relazzjoni intima kontra l-volonta taghha. In oltre dan ezamina ukoll lill-imptuati u minn dak li irrizulta jidher car li lanqas fuq il-persuna taghhom ma sab xi sinjal ta' vjolenza minn naha taghhom. Ghalhekk din il-prova li ressqet l-istess prosekuzzjoni issahhah u tikkolobora dak li qalet id-difiza u cioe l-imputati stess a tempo vergine ta' l-investigazzjoni. Id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom donnha qed toggezzjona li ssir xi referenza ghall-istqarrija ta' l-imputati u din il-Qorti tghid li sakemm dawn l-istqarrijiet jibqghu inseriti fil-process u ma jkunx hemm xi provvediment fil-konfront taghhom dawn jifformaw parti integrali mill-process u referenza ghalihom tista issir facilment. Dak li gie deciz fil-kawza **<u>Ir-republika ta' Malta vs Alfred Camilleri</u>** nhar is-16 ta' Jannar 2012 japplika biss ghal dak il-kaz sakemm il-ligi nostrana ma tinbidilx. In oltre jinghad li huma l-istess imputati li ghamlu referenza ghall-istqarrijiet li irrilazzjax meta iddeponew il-Qorti viva voce.

Il-prosekuzzjoni resqet li t-tabib psikjatra Cassar ighid li Bartolo qeda taht kura psikjatrika ghaliex tbati mid-depressjoni u l-fatt li hija kellha dan l-incident ikkaguna hafna hsara fuq is-sahha taghha. Dan it-tabib ma jafx jekk dan l-incident hux minnu u kull ma jista jghid bhala fatt hu li meta rega ezamina lil Bartolo din kienet ghaddejja minn perijodu hazin.

Illi fid-dawl tal-provi imressqa ghalhekk din l-akkuza ma gietx provata b'mod sodisfacenti.

Fit-tieni lok, l-imputati gew akkuzati bir-reat kif kontemplat fl-**artikolu 86 tal-Kap 9** kif agravat bis-sub (g) u cioe li delitt ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi sar bhala mezz biex l-allegata vittma tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

L-**artikolu 86** tal-Kap 9 jipprovdi li:

*"Kull min bla ordni skond l-ligi ta' l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, jarresta, jzomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volunta taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi mizmuma jew ssekwestrata."*

Illi ghalhekk minnufih jirrizulta li bniedem jista jinstab hati ta' din l-akkuza una volta u principalment m'ghandux ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti u dan hu partikolari, li l-imputat ma kellux awtorita skond l-ligi ta' awtorita kompetenti biex jarresta lil xi hadd. Izda minn naha l-ohra jista jinghad li dawn b'xi mod arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Joslin Bartolo?

Din il-Qorti tara li l-elementi tal-artikoli rilevati ghal dan il-kaz huma tnejn ghal dak li jirrigwarda definizzjoni. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna u t-tieni hu li tali sekwestru jista jsir kontra l-volunta tal-persuna sekwestrata.

L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi fil-fehma tal-Qorti t-tehid jew t-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza. Izda dan huwa l-uniku tip ta' agir li jinkwadra f'dan r-reat kif donnu kif ried ifhiem l-ufficcjal prosekutur lil din il-Qorti.

Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt ta' persuna ghal moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma “sekwestru” f'dan il-kuntest. Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatura tas-sub artikolu tal-Kap 9 li tahtu

jaqa dan l-artikolu – 'l-*uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat tal-awtorita pubblika'* jindika li taht dan l-Kap jaqa' agir li jekk kommess minn min ghandu awtorita ma jkunx punibbli.

Il-gurista Taljan **Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale*** jikkummenta fuq l-**artikolu 146** li huwa bhal l-**artikolu 86** taghna a fol 112 paragrafu 788 Vol II billi jghid:

*"Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in circostanze tali da tagliere alla vittima ogni possibilita' di scampo o di soccorso."*

**Antolisei** fil-ktieb tieghu **Manuale di Diritto Penale** Ediz. 1977 pagna 134 jghid:

*"Le fatti specie del delitto in parole si realizza anche se la privazione della liberta non e' totale na occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. E necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."*

Fil-fatt **La Corte di Cassazzione** tal-Italja b'sentenza moghtija fl-erbatax ta' Jannar, 1961 ipprecizat:

"*Che la privazione della liberta di movimento del soggetto passivo deve perdurare - per un apprezzabile lasso di tempo anche brevissimo cosi che non sarebbe rilevante solo se momentaneo e fugace*"

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li wara li spjiegat t-tifsira ta' reat ta' sekwestru ta' persuna trid issa tezamina l-fatti specie f'dan il-kwadru.

Element importanti ghal ezistenza ta' dan r-reat kif imsemmi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Jannar, 1998, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Andrew Bonnici** huwa li bniedem jrid jkun ittiehed fil-post kontra l-volonta' tieghu.

Fil-fatt, f'din is-sentenza l-**Imhallef Degaetano** qal li huwa veru li kif appena dahlu gewwa d-dar l-appellant mal-vittma, dan ghamel kantun fuq gewwa tal-bieb li altrimenti ma kienx jissakkar pero dan jidher li ghamlu mhux biex jzomm lit-tifel gewwa, izda, bhal kantun li ghandu ma' l-aperturi tal-gallarija biex hadd ma jkun jista jidhol fuqhom u jara dak li kien qed jsir hemm gew.  Ghalkemm it-tifel f'dak il-kaz jghid li meta f'hin minnhom l-appellant qallu biex jaghmel xi haga hu, hu beza' xorta ghamel dak li qallu ghax ra l-bieb maghluq bil-kantun f'ebda hin ma jirrizulta li t-tifel fisser lill-appellant li hu ried jitlaq minn hemm u l-appellant b'xi mod jew iehor ma hallihx.

Din is-sitwazzjoni ggibna proprju ghal kaz in ezami ghaliex meta l-imputati u l-vitma kioenu fil-flat ta Rhys fl-ebd ahin ma uriet ix-xeqa li titlaq jew ghamlet xi manuvra sabeix tipprova titlaq. Jirrizulta anke mir-relazjoni tal-perit David Vassallo li kien hemm distanza konsiderevoli minn fejn ix-Xatt sal-Ponta ta’ Isla sal-flat ta Fiteni . Jirrizult aukoll mill-provi li nhar ta’ Hadd fix-xhar ta April fil-hinijiet ta wara nofs in nhar ikun hemm hafna niex jippassegjaw f’dwk l-ekwati u li nies ikun hemm. Tant li kienet Joslin stess li qalet li kienet ix-Xatt mal-0hbieb u fit-triq iltaqghu ma Donna Pace.  Fl-ebda hin ma Donna Pace ma tghid li rat lill-allegata vittma imbezza jew imdejqa anzi meta staqsietha fejn kienet sejra kienet pronto u qaltilha post fejn ma setghetx tmur maghha.  Isaa kieku verament Bartolo ma rieditx tmur din kienet okkazjoni fejn setghet tiftah qalba mal-habiba taghha sabeix tigi evitata esperjenza bhal din. Kienet taf fejn kienet sejra u kienet taf fuq x’hiex kien id-diskors bejniethom huma u mixjin u fl-ebda hin ma uriet xi sinjali ta’ biza jew dispjacir.

Meta wasl u fil-flatt tikkonferma li hija dahlet fil-fond wahedha u had ma sfurzaha . Hadd ma ighid li l-flond kien imsakkar anzi Ronald Barbara ighid li kien hemm it-twieqi miftuha u li kulhadd telaq mill-post liberament.  Tant kien liberu l-exit ta Bartolo li meta irritornat lura gewwa darha u iltaqghet mal-kugina Charmaine din qalet li kienet tidher normali tant li anke bdiet tixrob il-halib u tgorr fuq l-gharus taghha.

Joslin Bartolo tghid li meta marret lura id-dar marret tinhasel u tahsel hwejjigha u dan ovvju war air-relazzjon li kellha u ma esprimiet l-ebda riserva. Illi l-allegat inkwiet taghha sziluppa hafna wara . Dwar l-aggravju u cioe li Bartolo giet sekwestrata sabeix tghamel xi haga li tmur kontra il-misthija tas-sess taghha jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li Bartolo marret ma l-imputati sabiex tisfidahom u sabiex ikollha x'taqsam maghhom volontarjament. Ma temminx li f'xi hin giet sfurzata li tghamel xi haga kontra l-volonta' taghha, anzi kienet hi li induciet lill-imputati sabiex ikollha relazzjoni maghha.

Il-Qorti tara li l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-vitma mhux krediblli.

Illi ghalhekk wara li l-Qorti ghamlet apprezzament tal-ligi w indikat dak li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova rigward kull akkuza thoss li l-akkuzi ma gewx provati sal-grad rikjest mill-ligi.

**Ghaldaqstant il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-Artikolu 198, 86, 87(1)((g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ma ssibx lil imputati RHYS FITENI, RONALD BARBARA u KEITH BARTOLO hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom u tilliberhom minn kull akkuza .**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ma sabitx lill-imputati hatja tal-akkuzi u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ tali talba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------